**QORTI TA` L-APPELL KRIMINALI**

**(SEDE SUPERJURI)**

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**

**ONOR. IMĦALLEF EDWINA GRIMA**

**ONOR.IMĦALLEF GIOVANNI GRIXTI**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 22 ta' Ġunju 2022**

**Att ta' Akkuża Nru. 5/2018**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs.**

**Timothy Joseph Agius**

**Il-Qorti :**

**1.** Rat l-Att tal-Akkuża mressaq quddiem il-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fis-07 ta' Mejju 2018 kontra Timothy Joseph Agius, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0290889 (M), li bis-saħħa tiegħu l-istess Avukat Ġenerali akkużah:

i. fl-**Ewwel Kap** illi nhar l-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) membri tal-iskwadra ta' kontra d-droga kienu qedgħin jagħmlu osservazzjonijiet ġewwa Triq Ħal-Qormi, fil-Ħamrun, u dan wara li rċevew informazzjoni li kellha ssir deal tad-droga f'dawk l-inħawi. Irriżulta li għall-ħabta tas-sebgħa u għaxra ta' filgħaxija (19:10hrs) ġiet imwaqqfa vettura tal-kiri tal-għamla Suzuki Alto bin-numru ta' reġistrazzjoni FDK293 preċiżament quddiem ir-Regina Auto Dealer ħdejn l-Isnooker Hall, liema vettura kienet misjuqa minn Timothy Joseph Agius qua l-akkużat f'dawn il-proċeduri. Matul tfittxija li saret f'din il-vettura skond il-liġi l-pulizija sabu sustanza kannella fil-forma ta' blokkok fid-*dashboard* u fil-bieba tal-ġenb tal-vettura, issuspettati li kienu raża tal-kannabis u dan f'ammont konsiderevoli, liema droga hija meqjusa bħala illegali f'pajjiżna.

Illi effettivament meta din is-sustanza ġiet analiżżata mill-esperti debitament maħtura għal dan il-fini ġie kkonfermat li filfatt din is-sustanza kienet tikkonsisti f'raża tal-kannabis fl-ammont ta' madwar kilo speċifikatament fl-ammont ta' disa' mija tnejn u sebgħin punt sebgħa u għoxrin gramma (972.27g) bil-purita ta' 7% u bil-valur kumplessiv ta' għoxrin elf erba mija u sbatax il-Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€20,417.67). Di piu matul l-istess tfittxija li saret instab ammont konsiderevoli ta' flus fl-ammont ta' tlett mija u sittin Euro (€360) apparti karta b'ismijiet u ċifri ħdejn l-ismijiet indikattiv ta' traffikar illeċitu ta' droga. Apparti minn hekk l-ammont konsiderevoli ta' droga fiha nnifisha tikkostitwixxi ndikazzjoni ċara li din is-sustanza allavolja misjuba fil-pussess tal-akkużat ma kinitx intiża għall-użu esklussiv tiegħu iżda jidher li kienet intenzjonata sabiex tiġi ttraffikata fi xtutna.

Illi r-raża mill-pjanta tal-Cannabis hija ikkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima I taħt l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u l- akkużat ma' kellu l-ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija liġi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza.

Illi b'għemilu l-imsemmi akkużat Timothy Joseph Agius sar ħati talli, fl-ewwel jum (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) kellu fil-pussess tiegħu (ħlief fil-kors ta' transitu minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha) ir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu u b'dan illi r-reat sar fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta', skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Timothy Joseph Agius ħati talli, fl-ewwel (1) jum ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) kellu fil-pussess tiegħu (ħlief fil-kors ta' transitu minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha) ir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu u b'dan illi r-reat sar fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta', skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu

iż-żgħażagħ; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi ko-akkużat illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 8(a), 10(1), 12, 20, 22(1)(a)(2)(a)(i), it-tieni proviso tal-artikolu 22(2), l-artikolu 22(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkuża

ii. fit-**Tieni Kap,** illi dejjem b'referenza għall-inċident li seħħ kif debitament imsemmi fl-ewwel kapi ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe' fl-ewwel jum (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħmistax (2015), apparti s-sejba tar-resina tal-kannabis fl-ammont ta' madwar kilo speċifikatament fl-ammont ta' disa' mija tnejn u sebgħin punt sebgħa u għoxrin gramma (972.27g) bil-purita ta' 7%, fil-vettura tal-kiri bin-numru ta' reġistrazzjoni FDK293, li kienet misjuqa dejjem mill-akkużat, f'waħda mill-bibien tal-karrozza, instabu wkoll madwar tmien (8) boroz kontenenti sustanza bajdanija li kienet issuspettata li kienet id-droga kokajina li wkoll tikkostitwixxi droga illegali f'pajjiżna. Anki f'dan il-każ meta din is-sustanza ġiet analiżżata mill-espert forensiku maħtur għal dak il-fini hu filfatt kkonferma li din is-sustanza suspettuża kienet tikkonsisti mid-droga kokajina u dan fl-ammont ta' disgħa put sitt grammi (9.6g) bil-purita' ta' 28% u l-valur kumplessiv ta' erbgħa mija tlieta u ħamsin Euro (€453). Infatti apparti l-flus u l-karta li instabet fl-istess vettura kif indikati fl-ewwel kap, in konsiderazzjoni kemm tal-quantum tad-droga kokajina kif ukoll tal-mod kif din kienet imqassma meta' nstabet li anki din is-sustanza kellha t-tir li tiġi ttraffikata ġo pajjiżna u mhux għall-uzu personali tiegħu.

Anki f'dan il-każ, l-akkużat ma' kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni jew liċenzja maħruġa mill-Liġi li tippermettilu jkollu fil-pussess tiegħu din is-sustanza perikoluża

Illi d-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima 1 ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.

Illi b'għemilu l-imsemmi Timothy Joseph Agius sar ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta' ma' kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta' ma' kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma' kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga ma' ġietx fornita lilu għall-użu

tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu u b'dan illi r-reat sar fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta', skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Timothy Joseph Agius ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta' ma' kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta' ma' kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma' kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma' ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu u b'dan illi r-reat sar fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta', skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra limsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i), it-tieni proviso tal-artikolu 22(2), l-artikolu 22(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviż legali 292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

iii. fit-**Tielet Kap** illi b'referenza għaċ-ċirkostanzi kif indikati fl-ewwel żewġ kapi ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe nhar l-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħmistax (2015), wara t-tfittxija li ġiet kondotta fil-vettura tal-akkużat u li tat ir-riżultati imsemmija, il-pulizija tal-iskwadra kontra d-droga għamlu tfittxija oħra skond il-liġi fir-residenza tal-akkużat, ġewwa Santa Venera fejn fil-kors ta' tfittxija instabu wkoll biċtejn sustanza suspettata li kienet resina mill-pjanta tal-kannabis fl-ammont kumplessiv ta' tnejn punt wieħed grammi (2.01g). In-natura tas-sustanza ġiet ukoll ikkonfermati mill-esperti forensiċi li analizzaw din is-sustanza li filfatt ikkonfermaw li tikkonsisti minn resina tal-pjanta cannabis fl-ammont indikat bil-purita' ta' ħamsa fil-mija (5%).

Illi l-pjanta cannabis hija ikkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima I taħt l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta'

Malta, u Timothy Joseph Agius ma' kellu l-ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija liġi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza.

Illi b'għemilu l-imsemmi Timothy Joseph Agius sar ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu, ir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Timothy Joseph Agius, ħati talli, kellu fil-pussess (ħlief fil-kors ta' transitu minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha) tiegħu ir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux aktar minn għaxar snin priġunerija u mhux inqas minn tnax-il xahar u multa ta' mhux anqas minn erba' mija sitta u sittin Euro (€466) iżda mhux aktar minn tlieta u għoxrin elf u tlett mitt Euro (€23,300), skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 8(a), 9, 10(1), 12, 20, 22(1)(a), 22(2)(a)(ii) u 26 tal-kapitolu 101, u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**2.** Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fis-16 ta' Diċembru 2021 li bis-saħħa tagħha wara li dik il-Qorti rat il-verdett tal-ġurati tal-istess jum li bih bi tminn (8) voti favur u b'vot (1) kontra sabu lil Timothy Joseph Agius ħati tal-Ewwel u t-Tieni Kapi tal-Att tal-Akkuża w b'seba' (7) voti favur u b'żewġ (2) voti kontra sabuh mhux ħati tat-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża, ddikjarat għalhekk lil Timothy Joseph Agius ħati talli:

**Nhar 1 ta' Ottubru, 2015 kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża fl-ammont ta' disa' mija tnejn u sebgħin punt sebgħa u għoxrin gramma (972.27g) bil-purita ta' 7%, kif ukoll tmien (8) boroz kokaijina fl-ammont ta' disgħa put sitt grammi (9.6g) bil-purita' ta' 28%. Dan sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu u b'dan illi r-reat sar fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta', skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ.**

**3.** Rat illi l-Ewwel Qorti wara li rat l-artikoli 8(a), 9, 10(1), 12, 20, 22(1)(a)(2)(a)(i), it-tieni proviso tal-artikolu 22(2), l-artikolu 22(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza

dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviż legali 292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, ikkundannat lill-ħati Timothy Joseph Agius għall-piena ta' sebgħa (7) snin priġunerija, w għall-multa komplessiva ta' għaxart elef euro (€10,000) li jekk ma titħallas puntwalment tiġi konvertita f'terminu ulterjuri skond il-liġi u kkundannatu ukoll jħallas is-somma ta' elf, tmien mija, tlieta u ħamsin euro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€1,853.21) import ta' l-ispejjeż tal-perizji. Ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom saru r-reati w il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli oħra tal-ħati. Ordnat li jekk l-ispejjeż tal-perizji ma jithallsux jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija skond il-ligi. Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-ispizjar Godwin Sammut u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti, li għandha tagħmel verbal ta' tali distruzzjoni w iġġibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appożita li kopja tagħha tiġi notifikata lill-Avukat Ġenerali u lill-ħati.

**4.** Rat ir-rikors ta' l-appell imressaq mill-akkużat fil-05 ta' Jannar 2022 li bih u għar-ragunijiet hemmhekk imsemmija talab lil din il-Qorti:

> "i. tannulla s-sentenza tal-Qorti Kriminali mogħtija fil-kawża fl-ismijiet hawn fuq premessi u terġa' tqiegħed lill-esponent fl-istess posizzjoni li kien qabel l-għoti tal-istess sentenza;
>
> ii. mingħajr preġudizzju għall-ewwel talba hawn aktar 'il fuq mressqa, tirriforma l-verdett tal-ġurati tal-11 ta' Diċembru 2021 mogħti fil-kawża fl-ismijiet hawn fuq premessi billi tħassar u tikkanċella l-verdett tal-ġurati tal-11 ta' Diċembru 2021 mogħti fil-kawża fl-ismijiet hawn fuq premessi fil-parti li bih l-esponent ġie misjub ħati tal-ewwel u t-tieni kap tal-att t'akkuża filwaqt li tikkonferma l-verdett fil-parti fejn ġie dikjarat mhux ħati tat-tielet kap tal-att t'akkuża, kif ukoll tħassar u tikkanċella s-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-16 ta' Diċembru 2021 li bih ġie ddikjarat ħati skond l-ewwel u t-tieni kapi tal-att t'akkuża u ġie ikkundannat għall-sebgħa (7) snin priġunerija għall-multa komplessiva ta' għaxart elef ewro (€10000) u għall-ispejjeż peritali u minflok tordna li jiġu reġistrati sentenza u verdett ta' liberazzjoni, jew alternattivament

tissostitwixxi l-istess verdett b'verdett ieħor ta' ħtija iżda ta' reat ieħor minuri li huwa kompriż u involut fl-att t'akkuża u tagħti sentenza relattiva skond il-każ.

iii. Alternattivament tirriforma s-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2021 mogħtija fil-kawża fl-ismijiet hawn fuq premessi billi tvarja l-istess billi tissostitwixxi l-piena b'waħda ferm aktar miti u raġjonevoli u li tkun verament tagħmel tajjeb għal każ odjern."

**5.** Rat ir-risposta imressqa mill-Avukat Generali fis-16 ta' Marzu 2022 fejn issottometta li din il-Qorti għandha tiċħad l-aggravji kif miġjuba quddiemha mill-appellant Timothy Joseph Agius fl-intier tagħhom, filwaqt li tikkonferma s-sejbien ta' ħtija skont il-verdett kif mogħti, kif ukoll tikkonferma l-piena kif imposta fuqu permezz tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali nhar is-sittax (16) ta' Diċembru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021).

**6**. Rat l-atti kollha tal-kawża.

**7**. Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat :**

**8**. Illi l-appellant iressaq essenzjalment tlett aggravji diretti lejn il-verdett tal-ġurati u s-sentenza tal-Qorti Kriminali, fejn fl-ewwel aggravju huwa jqanqal il-preġudizzjali dwar in-nullita' tas-sentenza appellata, imbagħad fit-tieni aggravju jilmenta illi seħħet irregolarita' jew applikazzjoni skoretta tal-liġi magħmula fl-indirizz finali li fil-fehma tiegħu kien żbilanċjat, u finalment jissottometti illi huwa ġie misjub ħati erronjament fuq il-fatti kif esposti lil ġurati fejn allura sar apprezament żbaljat tal-provi mill-istess.

**A. <u>Is-sentenza appellata hija vvizjata u milquta b'żewġ nuqqasijiet essenzjali li għalhekk jirrenduha nulla u bla effett fil-liġi</u>**

**9**. Igħid l-appellant illi għalkemm is-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2021, fil-parti deċiżorja tagħha, fiha d-dikjarazzjoni ta' htija għall-Ewwel u t-Tieni Kapi ta' l-Att ta' l-Akkuża, fejn hemm indikati ukoll id-disposizzjonijiet tal-liġi li fuqhom hija imsejsa dina l-ħtija, bil-kundanna fl-aħħar tal-piena erogata, madanakollu fis-sentenza hemm nieqsa d-dikjarazzjoni li tirrifletti l-verdett tal-ġurati għat-Tielet Kap ta' l-Att ta' l-Akkuża fejn dan kien wiehed ta` liberazzjoni.

**10**. L-Avukat Generali jilqa' għal dan l-aggravju billi jisħaq illi l-artikolu 500 tal-Kap. 9 jippreklud lill-appellant milli jattakka is-sentenza fejn din tkun waħda ta' liberazzjoni, billi huwa l-Avukat Ġenerali biss li għandu jedd ta' appell minn tali deċiżjoni. Barra minn hekk, il-verdett tal-ġurati kien wieħed ċar, liema verdett ġie riprodott fis-sentenza appellata (fols.6 sa 11 tas-sentenza) sabiex b'hekk l-appellant seta' jifhem ben tajjeb minn liema akkużi kien liberat u liema kien misjub ħati taghhom.

**11**. Issa kif kien ribadit f'sentenzi *in materia* mogħtija minn din il-Qorti, kull Kap fl-Att ta' l-Akkuża għandu jitqies b'mod indipendenti, u dan skont dak dispost fl-artikolu 589 tal-Kodiċi Kriminali, fejn il-leġislatur jitkellem dwar dak li għandu jkun fih l-Att ta' l-Akkuża meta jkun hemm ix-xilja ta' reat wieħed biss. Illi meta l-Avukat Ġenerali jkun irid jixli lil ġudikabbli b'aktar minn reat wieħed, l-Att ta' l-Akkuża jinqasam f`Kapi separati li madanakollu jibqgħu indipendenti minn xulxin irrispettivament minn jekk ir-reati jkunux konnessi jew alternattivi għal xulxin. Fil-fatt l-artikolu 593(1) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li ' ... *l-att ta' l-akkuża għandu jinqasam f'diversi kapi, u f'kull wieħed minnhom għandha titħares id-disposizzjoni ta' l-artikolu 589.'* Tant hu hekk illi l-artikolu 481 tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi illi :

> **"Jekk fl-istess att ta' akkuża jkun miġjub aktar minn reat wieħed, jew jekk l-akkużati fil-kawża jkunu tnejn jew iżjed, il-ġuri għandu jagħti verdett separat fuq kull reat u għal kull akkużat."**

Dan maghdud allura kellha titħares mill-Ewwel Qorti r-regola stabbilita fl-artikolu 487 tal-Kodiċi Kriminali fejn jinghad illi :

> **"Jekk il-ġuri jiddikjara l-akkużat mhux ħati skont l-artikolu 467(5), il-qorti tiddikjarah meħlus, u, jekk ma jkunx detenut għal raġunijiet oħra, tordna li jiġi illiberat."**

**12**. Illi esposti dawn id-disposizzjonijiet tal-liġi li jitkellmu fuq il-kapi fl-Att ta'Akkuża u d-deċiżjoni fuq l-istess, huwa evidenti illi l-liġi trid li jingħata verdett separat għal kull Kap daqslikieku kull wieħed kien Att ta' l-Akkuża separat b'dan illi l-Ewwel Qorti kellha necessarjament issegwi id-dettami tal-artikolu 487 u tiddikjara lill-appellant "meħlus" minn dak ir-reat/akkuża li dwaru/ha hu kien iddikjarat mhux ħati fil-verdett.

**13**. Madanakollu l-liġi ma tispeċifikax il-mod kif għandha issir tali dikjarazzjoni, għalkemm il-prassi hija illi din issir fis-sentenza tal-Qorti Kriminali wara il-pronunzjament tal-verdett tal-ġurija. Dan qed jingħad għaliex l-*iter* li għandu jsegwi l-ġuri wara l-pronunzjament tal-verdett huwa ben definit fil-liġi. Illi kif ingħad, jekk ikun hemm dikjarazzjoni ta' "mhux hati", kif dispost fl-artikolu 467(5) tal-Kodiċi Kriminali, il-qorti tgħaddi biex tiddikjara meħlusa lill-persuna akkużata, skont l-artikolu 487 tal-Kodiċi Kriminali. Iżda meta jkun hemm dikjarazzjoni ta' ħtija, il-qorti ma tgħaddix minnufih għas-sentenza, iżda jrid ikun segwit l-*iter* stabbilit fl-artikolu 489 et seq. tal-Kodiċi Kriminali u dan sabiex tkun determinata l-piena li għandu jirċevi l-ikkundannat. Wara dan, il-Qorti Kriminali għandha tgħaddi minnufih għas-sentenza, kif stabbilit fl-artikolu 491 tal-Kodiċi Kriminali.

**14**. Illi fis-Sezzjoni V, Taqsima I, tat-Tieni Ktieb, tal-Kap 9, li jitkellem dwar il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, u specifikatament fl-artikolu 497 tiegħu, il-kelma "sentenza" hija definita b'dan il-mod :

> **"il-kelma 'sentenza' tinkludi kull ordni tal-qorti magħmul fuq dikjarazzjoni ta' ħtija b'riferenza għall-persuna misjuba ħatja u s-setgħa tal-Qorti tal-Appell Kriminali li tagħti sentenza tinkludi setgħa li tagħmel ordni bħal dak."**

Dan allura jġib fix-xejn il-preġudizzjali mqanqla mill-appellant għaliex is-sentenza tal-Qorti Kriminali hija legalment valida ladarba fiha dik l-ordni magħmula wara d-dikjarazzjoni ta' ħtija fejn il-Qorti għaddiet għall-kundanna fil-konfront tal-appellant, wara li kienet segwita l-proċedura maħsuba fl-artikolu 489 *et seq*. kif imfisser. Illi

għalkemm huwa minnu illi l-Ewwel Qorti kellha tiddikjara lill-appellant ħieles minn dik l-akkuża fejn kien hemm verdett ta' liberazzjoni, madanakollu l-liġi ma tispeċifikax kif dan għandu jsir għalkemm il-prassi hija illi din issir mas-sentenza finali.

**15**. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, madanakollu, huwa indubitat illi hemm karenza fil-proċedura segwita mill-Qorti Kriminali fis-sens illi din naqqset milli tiddikjara lill-appellant meħlus mill-Kap ta' l-Att t'Akkuża fejn il-verdett kien wieħed ta' "mhux ħati". Illi din l-Qorti qed tafferma dan wara li eżaminat l-atti u b'mod speċjali il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Diċembru 2021 meta kien moqri il-verdett, kif ukoll dawk li segwew u ċioe' tas-seduti tal-15 ta' Diċembru 2021 u tas-16 ta' Diċembru 2021 minn fejn huwa evidenti li din id-dikjarazzjoni qatt ma saret la fil-verbal u lanqas fis-sentenza finali.

**16**. Din hija qorti ta` revizjoni u għalhekk trid tara, f'dan l-istadju, jekk għandhiex is-setgħa hija stess tagħti r-rimedju li fl-aħħar mill-aħħar huwa mixtieq u imfittex mill-appellant u cioe' li huwa jiġi ddikjarat meħlus minn dik l-akkuża fejn il-verdett kien wiehed ta` liberazzjoni.

**17**. Illi jrid jingħad illi l-appellant erronjament jistrieħ fuq d-disposizzjonijiet tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali u jiċċita sentenzi mogħtija mill-qrati inferjuri penali. Dan għaliex l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali ma jsibx applikazzjoni għal din il-qorti ta' reviżjoni minn sentenzi tal-Qorti Kriminali. Din id-disposizzjoni tal-liġi tinsab imħaddna fil-Kodiċi Kriminali taħt it-Titolu II tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb intestat "Fuq il-Qorti tal-Maġistrati"[1]. Dan ifisser illi in-nuqqas ravviżat mill-appellant ma iwassalx għan-nullita' maħsuba fl-artikolu 382.

**18**. Issa s-setgħat mogħtija lil din il-Qorti, bħala qorti ta` reviżjoni, fil-każ ta` appell li jsir mill-persuna akkużata minn sentenza tal-Qorti Kriminali huma delineati fl-

[1] Ara artikolu 520 tal-Kodiċi Kriminali li jindika dawk id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi li japplikaw għal qrati kollha ta' ġustizzja kriminali.

artikolu 500 tal-Kodiċi Kriminali meta jintalab il-bdil kemm fil-verdett kif ukoll fis-sentenza appellata u dan f'dawk il-kazijiet fejn ikun hemm dikjarazzjoni ta' htija :

> **"Persuna misjuba ħatja fuq att ta' akkuża tista' tappella lill-Qorti tal-Appell Kriminali kontra d-dikjarazzjoni ta' ħtija tagħha fil-każijiet kollha jew kontra s-sentenza mogħtija fuq id-dikjarazzjoni ta' ħtija tagħha kemm-il darba s-sentenza ma tkun xi waħda ffissata bil-liġi"**

Illi huwa biss l-Avukat Ġenerali allura li għandu il-jedd li jappella kontra verdett u sentenza ta' liberazzjoni u dan fit-termini tas-subinciz 2 ta' l-imsemmija disposizzjoni tal-ligi, b'dan għalhekk illi l-akkużat jista' iqajjem kritika diretta lejn is-sentenza appellata meta din tkun biss wahda ta' htija.

**19**. Premess madanakollu illi hemm karenza fl-*iter* li kien segwit mill-Qorti Kriminali, kif ingħad, billi ma kienx hemm konformita' ma' dak dispost fl-artikolu 487 tal-Kodiċi Kriminali, kif jikkontendi l-appellant, fl-istess waqt minn qari ta' l-artikolu 500 jirriżulta li l-appellant huwa prekluż milli jattakka din il-karenza għaliex il-liġi ma tagħtix jedd ta` din ix-xorta lill-appellant. Huwa biss l-Avukat Ġenerali li għandu il-jedd li jappella minn verdett ta' liberazzjoni. Fil-kaz tal-lum, l-Avukat Ġenerali ma ppreżenta ebda appell la mill-verdett u lanqas mis-sentenza.

**20**. L-artikolu 502 tal-Kodiċi Kriminali, għalkemm ma jikkontemplax sitwazzjoni identika għal dik in dizamina, jagħti setgħa lill-Qorti tal-Appell li tmur lura jew tvarja verdett jew sentenza, u li tagħti dik is-sentenza li hija konformi aktar mal-verdett mogħti. Mhux biss iżda l-Qorti għandha dejjem is-setgħa li tagħmel dak kollu li jidhirilha espedjenti fl-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja. Illi dan magħdud allura għalkemm ma hemm ebda disposizzjoni tal-liġi *ad hoc* li tirregola in-nuqqas ravviżat mill-appellant fl-ewwel aggravju minnu intentat, il-Qorti hija il-fehma illi għandha xorta waħda s-setgħa illi tissana n-nuqqas li hemm fl-*iter* proċesswali f'dan l-istadju ta' reviżjoni, liema nuqqas bl-ebda mod ma jista' jaffettwa la l-verdett u lanqas is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti li t-tnejn kienu mogħtija skont il-liġi, izda biss sabiex l-appellant jiġi ddikjarat meħlus mill-Qorti minn dik l-akkuża fejn kien hemm verdett

ta' liberazzjoni. Il-Qorti tqis ukoll li għandha tħares il-prinċipju tal-ekonomija tal-ġudizzju kif ukoll tħares il-jedd tal-appellant li jkollu smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli bil-proċeduri ma jitwalux inutilment.

**21**. Illi għall-istess motivi l-appellant lanqas ma għandu raġun meta jilmenta minn nullita' fis-sentenza appellata unikament għaliex id-data meta ngħata il-verdett huwa indikat ħażin fl-isemmija sentenza. Illi huwa minnu li l-verdett ingħata fis-seduta tal-11 ta' Diċembru 2021, mentri s-sentenza tal-Qorti Kriminali inqrat fis-seduta tas-16 ta' Diċembru 2021. Huwa minnu wkoll illi fis-sentenza appellata il-Qorti Kriminali tagħmel referenza għal verdett mogħti fl-istess jum tas-sentenza, meta dan ma kienx il-każ, madanakollu huwa evidenti li dan huwa *lapsus* minn naħa ta' dik il-Qorti. Dan għaliex, kuntrarjament għal dak li spiss jiġri f'kull ċelebrazzjoni ta' ġuri meta il-Qorti Kriminali tgħaddi għas-sentenza fl-istess jum li fih ikun inqara il-verdett, u dan wara li jinstemgħu s-sottomissjonijiet dwar il-piena, f'dan il-każ jidher illi l-ġuri ġie differiet għal jum ieħor fuq talba tad-difensuri tal-appellant stess u dana sabiex ikunu f'posizzjoni aħjar jagħmlu is-sottomissjonijiet tagħhom. Fil-fatt jidher illi fis-seduta ta' wara, u ċioe' dik tal-15 ta' Diċembru 2021, l-appellant talab sabiex jitħejja *pre-sentencing report*, liema talba madanakollu kienet miċħuda mill-Qorti Kriminali, li wara li semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena ħalliet il-ġuri għas-sentenza għall-għada is-16 ta' Diċembru 2021. Dan ifisser illi l-Qorti Kriminali segwiet il-proċedura imfassla fl-artikoli 489 et. seq. tal-Kodiċi Kriminali. Illi fuq kollox is-sentenza ingħatat in ottemperanza mad-definizzjoni mogħtija fil-liġi fl-artikolu 497 hawn fuq iċċitat fejn saret id-dikjarazzjoni ta' ħtija, bil-Qorti tagħti dawk l-ordnijiet kollha konsegwenzjali għal din id-dikjarazzjoni. Illi anke f'dan il-każ il-Qorti tqies illi għandha is-setgħa li tissana l-iżball magħmul mill-Qorti Kriminali billi tordna li ssir korrezzjoni f'din il-parti tas-sentenza appellata fejn il-Qorti Kriminali indikat data erronja dwar meta ingħata il-verdett tal-ġurati.

**22. Għal dawn il-motivi l-ewwel aggravju qed jiġi miċħud, b'dan illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tagħmel id-dikjarazzjoni skont kif hemm maħsub fl-artikolu 487 tal-Kodiċi Kriminali konformi mal-verdett milħuq mill-ġurija u tagħmel dawk il-**

**korrezzjonijiet meħtieġa sabiex tkun issanata s-sentenza appellata, u dan fil-parti deċiżorja ta' din is-sentenza.**

**B. <u>Illi matul il-kawza seħħet irregolarita' kif ukoll kien hemm interpretazzjoni jew applikazzjoni skorretta tal-Liġi li seta' kellha influwenza fuq il-verdett</u>.**

**23**. Illi dan it-tieni aggravju mqanqal mill-appellant huwa dirett lejn l-indirizz finali magħmul mill-Imħallef lil ġurati u dan qabel ma dawn għaddew għad-deliberazzjoni. Jilmenta illi l-indirizz kien fih numru ta' nuqqasijiet.

**24**. Fl-ewwel lok l-appellant jilmenta illi fl-indirizz finali l-Imħallef naqqset milli tagħti l-importanza mistħoqqa lis-sottomissjonijiet imressqa 'il quddiem mill-bank tad-Difiża. Imbagħad jilmenta illi fir-riassunt li saret tal-evidenza ma kienx hemm referenza għal kontro-eżami tax-xhieda li sar mid-difiża b'mod partikolari dak li sar lill-uffiċjali tal-pulizija Therese Vella u Kyle Zammit, li kienu xhieda inkonsistenti u konfliġġenti. Finalment jikkritika l-fatt illi lanqas ma kienu imfissra lil ġurati l-elementi ta' dritt li jsawwru l-aggravanti tad-distanza tal-mitt metru minn post fejn jiltaqgħu iż-żgħażagħ u jekk il-post fejn l-akkużat ġie interċettat mill-Pulizija, u ċioe' 147 Snooker Hall il-Hamrun, kienx jaqa' f'din il-kwalifika.

**25**. Illi waħda mid-difiżi tal-appellant kienet diretta lejn il-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni billi fil-fehma tiegħu dawn kienu jieqfu ferm 'il bogħod mill-piż tal-prova meħtieġa mill-Prosekuzzjoni ai fini ta' reita'. Illi jikkonċedi li l-Imħallef fl-indirizz finali għamlet aċċenn għal dawn id-difiżi, iżda ma għamlitx enfasi biżżejjed fuq il-konsegwenzi legali tan-nuqqas ta' provi imressqa mill-Prosekuzzjoni. Bħala eżempju ta' dan l-appellant jindika l-istanzi fejn id-Difiża saħħqet is-segwenti nuqqasijiet:

i. Il-fatt illi flimkien mas-sustanza suspettata droga misjuba fil-vettura nstab passaport ta' terza persuna, ċertu Tomislav Hegedus, liema passaport qatt

ma ġie eżebit fl-atti mill-Ispettur Nicolai Sant, l-uffiċjal li kien qed imexxi l-investigazzjonijiet

ii. Illi l-vettura fejn kienet misjuba id-droga kienet mikrija mis-soċjeta *AutoRentals* lin-nanna ta' dan Hegedus, certu Carmen Parnis, fejn din ta'l-aħħar qatt ma kienet mitkellma mill-Pulizija u allura lanqas inġiebet tixhed fil-qorti.

iii. Kif lanqas ma kien investigat mill-pulizija il-mottiv 'il għala din il-vettura mikrija lil din Parnis kienet tinstab fil-pussess tal-appellant.

iv. Naqqset il-Prosekuzzjoni wkoll milli teżebixxi karta li instabet fil-vettura li kien fiha notamenti bl-ismijiet ta' persuni u allura wisq anqas sar xi eżami ta' komparazzjoni mal-kalligrafija misjuba fuq dawn in-notamenti.

v. Naqqset ukoll l-Imhallef fl-indirizz milli tispjega il-konsegwenza legali tan-nuqqas ta' impronti diġitali tal-appellant fuq il-pakkett tad-droga u dan minkejja li kien hemm impronta diġitali tajba għal fini ta' komparazzjoni.

vi. Illi l-flus misjuba fuq il-persuna ta' Jason Agius li kien imwaqqaf mill-Pulizija flimkien mal-appellant, qatt ma ġew eżebiti in atti u dan minkejja li skont PC1440 Sergio Spiteri dawn ġew issiġġilati mill-pulizija.

**26.** Jikkonċedi li għalkemm sar aċċenn fl-indirizz għal dawn in-nuqqasijiet fil-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, madanakollu ma ġiex spjegat sewwa lil ġurati il-piż li kellu jingħata minnhom għal dawn il-*lacunae* u dan meta huma jiġu biex jagħmlu l-evalwazzjoni tal-provi kollha fl-assjem tagħhom. Dan kien ifisser għall-appellant illi l-indirizz kien wieħed żbilanċjat li wassal sabiex huwa sofra preġudizzju irrimedjabbli u seta' wassal lill-ġurati għal verdett ta' ħtija minkejja li ma kienx hemm biżżejjed provi kontra tiegħu lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni.

**27**. Illi l-Qorti eżaminat l-indirizz mogħti mill-Imħallef lil ġurati kif ukoll il-linja difenzjonali meħuda mill-appellant li kienet iddur madwar l-apprezzament tal-provi miġjuba mill-Prosekuzzjoni. Tisħaq il-bank tad-Difiża illi ma kienx hemm bizzejjed provi li jwasslu sal-konvinċiment morali illi d-droga kannabis reżin misjuba fil-*glove*

*compartment* tal-vettura u d-droga kokajina misjuba fil-bieba tal-ġenb tan-naħa tal-passiġġier tal-imsemmija vettura, li fil-jum indikat fl-akkuza kien qed jagħmel użu minnha l-appellant, kienet fil-pussess xjenti tiegħu. Bil-fatt waħdu li l-appellant kien qed jagħmel użu mill-vettura fejn instabet id-droga, ma kellux iwassal, skont it-teżi tad-difiża, għal konkluzjoni illi l-appellant kien jaf biha u li kien allura fil-pussess tagħha. Dan jemerġi ċar mill-arringa finali tad-difiża u mill-provi mressqa minnha li jindikaw illi l-vettura ma kenitx ġiet mikrija lill-appellant, iżda lil terza persuna li l-Prosekuzzjoni ma ressqet qatt bħala xhud, u li din il-vettura kienu jagħmlu użu minnha diversi nies u mhux biss l-appellant.

**28**. Illi dwar kif għandu jkun imfassal l-indirizz finali jitkellem l-artikolu 465 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi:

> **"Meta l-akkuża u d-difiża jaghlqu l-parti tagħhom, l-imħallef jagħmel indirizz lill-ġuri, li bih ifissirlu x-xorta u l-elementi tar-reat miħjub fl-att ta' l-akkuża, kif ukoll kull punt ieħor tal-liġi li f'dak il-każ partikulari jkollu x'jaqsam mad-dmirijiet tal-ġuri, u jiġbor fil-qosor, bil-mod li jidhirlu meħtieġ, ix-xiehda tax-xhieda u l-provi li jkunu marbutin magħhom, ifisser lill-ġuri s-setgħat li għandu fil-kaz partikulari, u jagħmel kull osservazzjoni oħra li tiswa biex trieġi u turi lill-ġuri kif ta' għandu jaqdi sewwa d-dmirijiet tiegħu"**

**29**. Dan ifisser illi id-dmir tal-Imħallef fl-indirizz huwa li jpoġġi lill-ġurati "fl-aħjar posizzjoni possibbli, kemm għal dik li hi liġi, kif ukoll għal dawk li huma fatti, biex ikunu jistgħu jaslu għal verdett b'serenita`u bl-inqas komplikazzjonijiet u konfużjoni possibbli[2]." Illi kif kien deċiż f' sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament komposta fl-appell fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta vs Eugenio sive Genio Gaffarena*[3]

> **"Wiehed ma jistenniex li fl-indirizz ta' l-Imhallef lill-gurati jkun hemm diskwizizzjonijiet legali fini, sottili, fit-tul u kkomplikati ghaliex altrimenti, dan minnu nnifsu mhux biss hu kontro-indikat imma anke huwa**

[2] IR-REPUBBLIKA TA' MALTA vs BUGEJA ALFRED – App. Sup. 06/02/2014

[3] 19/01/1996

**indesiderabbli peress li aktar jista' jwassal ghal tahwid f'mohh il-gurati milli ghal haga ohra."**

**30.** Illi huwa indubitat illi d-difiża imqanqla mill-akkużat, appellant f'dawn il-proċeduri, quddiem il-Qorti Kriminali kienet iddur essenzjalment madwar l-apprezzament tal-provi miġjuba mill-Prosekuzzjoni u dak li dehrilha il-bank tad-difiża kienu nuqqasijiet minn naħa tal-istess Prosekuzzjoni li tosserva 'l hekk imsejħa "*best evidence rule*". Dawn in-nuqqasijiet, fil-fehma tad-difiża, kellhom inisslu dubbju dettat mir-raġuni f'moħħ min hu imsejjaħ biex jiġġudika dawk il-fatti esposti fl-*iter* proċesswali.

**31**. Illi d-deċiżjoni aħħarija dwar il-fatti tal-każ għandha titħalla unikament f'idejn il-gurija popolari b'dan għalhekk illi l-Imħallef li jippresjedi il-ġuri, għalkemm għandu d-dmir li jkun ta' gwida għal ġurati sabiex jaslu għal deċiżjoni imsejsa fuq il-liġi, madanakollu ma għandux jintrometti ruħu f'din id-deċiżjoni b'xi kummenti jew opinjonijiet li jistgħu jinfluwenzaw il-verdett. Għalkemm l-Imħallef fl-indirizz finali jista' jagħmel il-kummenti tiegħu fuq l-evidenza miġjuba fl-atti, madanakollu jrid joqgħod ferm attent illi ma jiżbilanċax ruħu fil-kummenti minnu magħmula b'tali mod li l-kritika tiegħu tneħħi il-liberta' tal-ħsieb li għandha twassal lil ġurati għal deċiżjoni ħielsa dwar il-ħtija o meno tal-persuna akkużata.

**32**. Illi minn eżami tal-indirizz jirriżulta illi l-Imħallef spjegat lil ġurati l-prinċipji ta' dritt kemm dawk ġenerali kif ukoll dawk partikolari għal każ taħt il-lenti tal-qorti. Spjegat lil ġurati kif dawn kellhom jagħmlu analiżi tax-xiehda mismugħa u spjegat il-linji gwida li jirregolaw il-kredibilita tax-xhieda, id-distinzjoni bejn il-varji tipi ta' evidenza u cioe' dik diretta u indiretta jew ċirkostanzjali, il-piż li għandu jingħata lix-xiehda tal-esperti tal-qorti, il-korroborazzjoni fl-evidenza, u finalment il-gradi ta' prova meħtieġa kemm mill-Prosekuzjoni kif ukoll mid-difiża sabiex jippruvaw il-każ tagħhom, u l-konsegwenzi legali tad-dubbju dettat mir-raġuni f'moħħ min hu imsejjaħ biex jiġġudika. Fuq dan l-aħħar punt l-Imħallef tagħmel enfasi meta tgħid hekk lil ġurati:

**"L-ewwelnett intom ġurati tridu teżaminaw individwalment kull prova, imbagħad l-assjem tagħhom, ftakru fl-eżempju li tajtkom aktar kmieni meta jien għamiltilkom l-introduzzjoni tal-indirizz, fejn għedtilkom li din hija**

**speċi ta' jigsaw puzzle, b'ħafna partijiet ġo fiha, u għedtilkom ukoll illi jekk hemm xi biċċa minn din il-puzzle li hija nieqsa ma tistghux intom taqbdu u timmaġinaw jew tissostitwuha bl-immaġinazzjoni tagħkom. Fl-awla kriminali l-immaġinazzjoni ma għandhiex postha. Jiġifieri l-jigsaw puzzle bil-biċċiet kollha trid timtela mill-Prosekuzzjoni f'dan il-każ."**

U terġa' tagħmel enfasi iktar 'il quddiem:

**"Importanti li bottom line ta' dan kollu pero' biex tara jekk il-Prosekuzzjoni ppruvatx il-każ tagħha sal-grad li trid il-liġi, kif ukoll biex tara jekk id-difiża ppruvatx xi haġa li tinċidi fuq il-każ tal-Prosekuzzjoni sal-grad tal-probabbli, tridu teżaminaw il-provi kollha, jiġifieri l-assjem tagħhom ..."**

**"... Innutaw illi ma nistghux neżaminaw prova waħedha, anke prova miġjuba mid-Difiża, ma tistax teżaminaha in splendid isolation, għaliex kull prova hija parti minn dik l-istess jigsaw puzzle li intom ġejtu mitluba biex tagħlqu. Tridu teżaminaw il-kumpless tal-provi, il-provi miġjuba lilkom mill-Prosekuzzjoni, dawk mid-Difiża u naturalment dan isir bil-buon sens tagħkom."**

Fuq il-*best evidence rule* imbaghad tispjega hekk:

**"Huwa minnu kif fil-fatt qaltilkom id-Difiża stess, illi bħala regola għandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti li l-każ ikun jagħti u ma jħalli l-ebda xhud li x-xiehda tiegħu tkun importanti barra. Innotaw Sinjuri Ġurati hawnhekk il-leġislatur mhux qed jindika jew qed jipponta subgħajh biss lejn il-Prosekuzzjoni, pero' peress li hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-każ tagħha, hija il-Prosekuzzjoni li ma għandha tħalli l-ebda xhud importanti barra. Hija għandha l-obbligu li tressaq kull xhud, kemm dak favur u kif ukoll kontra l-akkużat. Dawn huma obbligi, mhux qed ngħidhom jien, huma obbligi li joħorġu mill-liġi. U dan għaliex jekk ma jinġiebux l-aħjar provi, effettivament hija tkun qiegħda f'posizzjoni aktar dgħajfa li tipprova il-każ tagħha lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni."**

**33**. Wara dan l-Imħallef tagħmel riassunt tax-xiehda ta' kull xhud u finalment tispjega l-elementi ta' dritt li jsawwru kull reat addebitat lill-akkużat fit-tlett kapi ta'l-Att t'Akkuża u distinzjoni bejn l-element formali u materjali tar-reat.

**34**. Fl-aħħar tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

**"Fl-investigazzjoni li saret irriżulta li fit-tfittxija li saret fil-vettura Suzuki Alto numru ta' reġistrazzjoni FDK293 instabu ħames passaporti ta' droga cannabis fid-dashboard tal-vettura, u sitt pakketti ta' sustanza bajda li l-espert jikkonferma li kienet kokajina. U dan fil-bieba tal-passiġġiera tal-istess vettura. Jirriżulta wkoll bħala fatt li din il-vettura ma kenitx tappartjeni lill-akkużat, iżda kienet mikrija lil Carmen Parnis, in-nanna ta' Tomislav Hegedus, individwu li għandu kontra tiegħu tliet każi pendenti**

**fuq id-droga. Jirriżuta wkoll skont ix-xiehda ta' Tomislav innifsu li l-akkużat kien igħix miegħu il-Mosta għal xi żmien, u li l-karozza tiegħu kienet tintuża minn ħafna nies differenti. Dawn huma l-fatti. L-interpretazzjoni ta' dawn il-fatti trid issir minnkom u minnkom biss.**

**L-akkużat qed igħid fid-Difiża tiegħu li huwa ma kienx jaf li f'dik il-karozza kien hemm id-droga, u għalhekk wisq anqas li huwa kellu l-intenzjoni li jispaċċja id-droga. Issa din sta għalikom temmnux dan. Fil-karozza ma nstab xejn aktar relatat mat-tqassim tad-droga. Zgur li f'dawn il-proċeduri ma kien hemm ħadd li aċċetta r-responsabbilta' għal dawn il-biċċiet tad-droga. Skont il-pulizija f'dak il-mument tas-sejba tad-droga kien hemm ukoll dokument u karti b'diversi ismijiet ta' nies, kif ukoll il-passaport ta' Tomislav Hegedus. Bħala fatt pero' dan il-passaport ma ġiex eżebit il-qorti u lanqas ma ġew ezebiti d-dokumenti li kien fihom xi kitba dwar ismijiet ta' ċertu nies. Irriżulta li saru testijiet għall-impronti diġitali, u minkejja li kien hemm impronta tajba għall-komparazzjoni din ma qablitx ma' dik tal-akkużat. Irriżulta wkoll li ma saru ebda testijiet tal-kalligrafija fuq dokumenti misjuba u l-kalligrafija tal-akkużat.**

**Illi għalhekk intom ġurati tridu teżaminaw iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u jekk mill-indizzji mressqa lilkom mill-partijiet għandkomx temmnu sal-grad lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni li d-droga misjuba kienet tal-akkużat u li fil-fatt l-akkużat kellu pussess ta' din id-droga bl-intendiment li jispaċċja l-istess droga.**

**....Id-Difiża ssollevat diversi nuqqasijiet fl-investigazzjoni odjerna. Pero' tali nuqqasijiet ma għandhomx jitqiesu bħala prova kuntrarja għall-argumenti miġjuba mill-Prosekuzzjoni, iżda għandhom jitqiesu bħala nuqqasijiet u bl-ebda mod ma għandkom tissostitwuhom b'xi ħsibijiet jew argumenti tagħkom.**

**....Tinsewx tinterpretaw il-provi u mhux tissostitwixxu għall-mankanza ta' provi. Imma l-provi li huma amissibbli u li tistgħu tieħdu in konsiderazzjoni għandkom kull dritt li tagħmlu interpretazzjoni tagħhom."**

35. Illi minn din il-ħarsa lejn l-indirizz huwa evidenti li l-Imħallef li ippresjediet il-ġuri poġġiet lil ġurati fl-aħjar posizzjoni sabiex huma jkunu jistgħu jasslu għad-deċizjoni tagħhom u dan meta spjegatilhom il-punti ta' dritt penali in ġenerali u dawk partikolari għal każ, għamlet riassunt tax-xiehda li inġiebu fil-każ, u fissritilhom it-teżi tal-Prosekuzzjoni u id-Difiża b'mod sempliċi u konċiż, għalkemm telegrafiku. Illi l-indirizz għalhekk ma għandux jitqies biss b'mod spezzetat billi jitqies unikament dak il-paragrafu jew dik is-silta fejn l-imħallef indirizzat fl-ispeċifiku it-teżi tad-Difiża, iżda għandu jiġi kkunsidrat fit-totalita' tiegħu u dan bil-għan uniku li jiġi mistħarreġ jekk setax seħħ nuqqas serju fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Għaliex dan huwa l-

kompitu ta' din il-Qorti ta' reviżjoni fit-termini tas-setgħat mogħtija lilha fl-artikolu 501 tal-Kodiċi Kriminali, u dan meta tiġi biex tqies aggravju bħal dan sollevat mill-appellant, u ċioe' illi tara illi anke jekk l-appellant jista' jkollu raġun meta iqies illi seħħet xi irregolarita' fl-indirizz tal-Imħallef, l-appell xortawaħa ma jistax jirnexxi jekk ma tkun seħħet ebda amministrazzjoni ħazina tal-ġustizzja[4].

**36**. Illi allura meta l-indirizz, jigi kkunsidrat fit-totalita` tiegħu żgur ma jistax jingħad illi f'dan il-każ seħħet xi "*miscarriage of justice*", iktar u iktar meta fid-dawl tal-argumenti difenzjonali li kienu kollha kemm huma jduru madwar il-fatti tal-każ, l-Imħallef kellha tkun ferm kawta illi fid-direzzjoni li tingħata ma tkunx qed tinfluwenza l-ġudizzju tal-ġurija popolari fil-verdett finali. Żgur mhux forsi illi l-Imħallef li ppresjediet l-ġuri wriet imparzjalita' sħiħa fir-rigward tal-ħtija o meno ta' l-akkużat u fl-ebda ħin tul l-indirizz ma wriet preferenza jew tat aktar importanza lejn naħa jew oħra, u allura l-ilment li jressaq l-appellant ta' żbilanċ kontra tiegħu ma jistħoqqlux akkoljiment. Illi kif jikkonċedi l-appellant stess, l-Imħallef indiriżżat il-linja difenzjonali tiegħu, issa jekk huwa dehrlu li dan kellu jsir b'aktar enfasi, ċertament ma jwassalx għal xi irregolarita' li tissarraf f'xi amministrazzjoni ħazina tal-ġustizzja. Il-modalita' kif isir dan huwa imħolli fid-diskrezzjoni tal-Ġudikant sedenti il-ġuri, diment li fis-sustanza din il-linja difensjonali tiġi imfissra lil ġurati, kif *del resto* seħħ f'dan il-każ, mingħajr il-ħtieġa li jsir kumment jew argument fuq kull punt imqanqal mid-difiża, għaliex altrimenti jista' jinsorġi il-periklu li l-indirizz imbagħad jkun żbilanċjat għad-detriment tal-Prosekuzzjoni.

**37**. Bħalma qal Lord Alverstone, C.J. in re R. v. Stoddart (1909) 2 Cr.App.R. 2171 :

> ***"This Court does not sit to consider whether this or that phrase was the best that might have been chosen, or whether a direction which has been attacked might have been fuller or more conveniently expressed, or whether other topics which might have been dealt with on other occasions should be introduced.***

[4] Iżda l-qorti tista', minkejja li tkun tal-fehma illi l-punti mqajjem fl-appell skont il-paragrafu (b) jista' jkun deċiż favur l-appellant, tiċħad l-appell jekk tqis illi ma saret ebda amministrazzjoni ħażina tal-ġustizzja.

*This Court sits here to administer justice and to deal with valid objections to matters which may have led to a miscarriage of justice.[5]"*

**38**. Illi anke l-ilment tal-appellant illi l-Imħallef setgħat ma għamlitx sommarju tal-kontro-eżamijiet magħmula mid-difiża ma jwassal għal ebda nuqqas, u dan għaliex l-artikolu 465 tal-Kodiċi Kriminali jqiegħed l-obbligu fuq l-Imħallef li "jiġbor fil-qosor, bil-mod li jidhirlu meħtieġ, ix-xiehda tax-xhieda u l-provi li jkunu marbutin magħhom." Fuq kollox huwa imħolli f'idejn il-ġurati jiddeċiedu jekk xhud kienx inkonsistenti fix-xiehda tiegħu jew jekk id-deposizzjoni tiegħu fil-ġuri hijiex konfliġġenti ma' dik mogħtija preċedentement fil-kumpilazzjoni, u dan wara li jiġu mill-istess ġurati applikati ir-regoli kif imfissra mill-Imħallef fl-indirizz dwar kif għandu jsir minnhom l-apprezzament tal-kredibilita' u l-konsistenza ta' kull xhud, regoli li kienu imfissra fid-dettall mill-Imħallef fl-indirizz.

**39**. Finalment fuq il-kwalifika tad-distanza bħala aggravanti għar-reati miġjuba fl-Ewwel u fit-Tieni Kapi tal-Att ta'l-Akkuża, tispjega hekk l-Imħallef fl-indirizz:

> **"Ftakru wkoll li f'din l-akkuża l-Prosekuzzjoni allegat illi dan il-pussess aggravat kien qed isir f'distanza ta' anqas minn mitt metru ta' ċentru fejn jiltaqgħu ż-żgħażagħ. Issa sta għalikom tiddeċiedu jekk f'dan is-Snooker Hall li kien faċċata ta' fejn waqqfet il-vettura huwiex post fejn jiltaqgħu iż-żgħażagħ."**

**40**. Illi fil-fehma tad-difiża, l-Imħallef ma spjegatx x'għandu jirriżulta mill-provi sabiex jiġi stabbilit jekk tali aggravanti tissussistiex o meno, u ċioe' jekk il-fond 147 Snooker Hall il-Ħamrun kienx fil-fatt post li jaqa' fid-definizzjoni tal-liġi ta' "skola, klabb jew post ieħor fejn abitwalment jiffrekwentaw iż-żgħażagħ."

**41**. Issa huwa minnu illi l-Imħallef kienet telegrafika iżżejjed meta kienet qed tindirizza dan l-aggravanti, u allura kif tisħaq id-difiża kellha tispjega aktar fid-dettall l-elementi ta'dritt u ta' fatt meħtieġa sabiex tirriżulta l-kwalifika tad-distanza. Madanakollu jerġa' jingħad li dan ukoll huwa punt ta' fatt li jrid jiġi determinat mill-ġurati, kif kien spjegat fl-indirizz. Fuq kollox kien sar aċċess fuq il-post waqt iċ-

[5] Archbold Criminal Pleading Evidence and Practice 2003, para. 7-53 p. 936

ċelebrazzjoni tal-ġuri u preċiżament nhar il-10 ta' Diċembru 2021 fl-12:20pm meta il-ġurati akkompanjati mill-Imħallef u l-partijiet fil-kawża aċċedew ġewwa il-Hamrun quddiem 147, Snooker Hall Snack Bar fejn kien spjegat lilhom eżattament fejn waqqfet il-vettura li fiha kienet misjuba id-droga. Il-ġurati għalhekk setgħu jikkonstataw *ictu oculi* mhux biss il-fatt tad-distanza, iżda wkoll in-natura tan-negozju ġestit mill-Bar in kwistjoni.

**42**. Illi allura għalkemm huwa minnu illi kien hemm nuqqas f'din il-parti tal-indirizz u ċioe' li jiġu spjegati aktar fid-dettall l-elementi ta' dritt li jsawwru dan l-aggravanti, madanakollu ma jistax jingħad lanqas f'din iċ-ċirkostanza illi kien hemm xi nuqqas fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja billi l-ġurati tpoġġew fl-aħjar posizzjoni biex jiddeċiedu dan l-aggravanti li huma eżaminaw *ictu oculi in locum*.

**Għal dawn il-motivi għalhekk dan l-aggravju qed jiġi miċħud**.

### C. <u>L-aggravju fil-mertu – l-appellant kien misjub ħati erronajment fuq il-fatti tal-każ.</u>

**43.** Illi, in suċċint, il-każ taħt il-lenti tal-Qorti u tal-ġurija popolari qabilha, ra il-bidu tiegħu minn informazzjoni li wasslet għand il-pulizija dwar skambju ta' droga li kellu jsir ġewwa il-Ħamrun, fejn f'din l-informazzjoni kien indikat lil pulizija illi seta' kien hemm l-involviment ta' ċertu Jason Agius, magħruf bħala il-Webbes u li kien ser isir użu minn vettura żgħira ta'lewn abjad. Minn osservazzjoni li saret mill-pulizija ġewwa l-Ħamrun fil-jum indikat fl-akkuża, ġie osservat dan Jason Agius flimkien ma' persuna oħra ċertu Jason Smith ħdejn l-istabbiliment bl-isem ta' *Snooker Hall* meta viċin tiegħu waqqfet vettura *Suzuki* ta' lewn abjad. L-appellant jiġi interċettat viċin din il-vettura ħdejn in-naħa tal-passiġġier. Fil-vettura jinstab ammont ta' droga u ċioe' madwar kilo raża tal-*cannabis* ġewwa il-*glove compartment* u madwar sitt boroz kontenenti d-droga kokajina tal-piż totali ta' 9.6 grammi fil-bieba n-naħa tal-passiġġier. L-appellant jiġi arrestat u sussegwentement mixli fil-qorti bir-reat tal-pussess aggravat ta' din id-droga.

**44**. Issa kif kien kemm il-darba ribadit meta *si tratta* ta' aggravju marbut mal-apprezzament tal-provi:

> **"Anke jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel din il-Qorti hi tasal ghal xi konkluzjoni diversa minn dik milhuqa mill-gurati, hi ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni ezercitata mill-gurati fl-apprezzament tal-provi u tirrimpjazzaha b'taghha kemm-il darba jkun evidenti ghaliha li l-gurati ma kinux ghamlu apprezzament manifestament hazin tal-provi, u setghu, ghalhekk, legittimament u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li jkunu waslu ghaliha in bazi tal-provi li kellhom quddiemhom. Effettivament, kif dejjem inghad, din il-Qorti ma tinvadix it-territorju li l-ligi tirrizerva ghall-gurati hlief meta l-verdett minnhom milhuq ikun manifestament zbaljat fis-sens li ebda gurija ma setghet legittimament u ragjonevolment tasal ghalih. Jigifieri jrid ikun in kontradizzjoni manifesta ghal dak kollu li jirrizulta mill-process b'mod illi ma hemmx mod iehor hlief li l-verdett milhuq jigi eskluz bhala infondat'[6].**

**45.** Illi f'dan l-aggravju minnu ntentat, l-appellant jishaq illi s-sejbien ta' ħtija fil-konfront tiegħu mil-ġurija popolari, u l-kundanna eventwali, hija waħda "*unsafe and unsatisfactory*" billi ma kienx hemm biżżejjed provi in atti li jindikaw illi d-droga misjuba fil-vettura kienet fil-pussess xjenti tiegħu. Jikkontendi għalhekk illi l-ġurati għamlu apprezzament żbaljat tal-provi u dan anke fid-dawl tal-fatt illi ix-xiehda miġjuba mill-Prosekuzzjoni hija mimllija b'kontradizzjonijiet u inkonsistenzi tant illi l-kredibbilita' ta'l-istess hija waħda kemmxejn dgħajfa. Fost dawn l-inkonsistenzi li d-difiża jidhrilha li kienu determinanti għar-risoluzzjoni tal-vertenza tindika:

[6] Ir-Repubblika ta' Malta vs John Camilleri deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fl-24 ta' April 2008. Ara ukoll, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u IrRepubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; IlPulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

i. Il-posizzjoni li fiha kien jinsab l-appellant meta kien interċettat mill-pulizija u l-kwistjoni jekk il-*glove compartment* fil-vettura kienx miftuħ jew magħluq f'dan il-mument. Id-difiża tikkontendi li hemm inkonsistenzi fix-xiehda ta' PC10 Trevor Cassar Mallia u PC1564 Kyle Zammit u dan meta xhud wieħed jikkontendi illi meta l-appellant ġie imwaqqaf mill-pulizija huwa kien nofsu 'il ġewwa u nofsu 'il barra mill-bieba tal-passiġġier ħdejn il-vettura, filwaqt li x-xhud l-ieħor jikkontendi li l-appellant kien bilwieqfa ħdejn il-bieba tal-passiġġier. Ukoll jikkontendi illi ix-xhud Zammit kien inkonsistenti fix-xiehda tiegħu dwar il-fatt jekk il-bieba tal-*glove compartment* li tinsab quddiem is-sedil tal-passiġġier kenitx miftuħa jew magħluqa sabiex allura id-droga li kien hemm fiha kienet viżibbli.

ii. In-numru ta' apparat ċellulari li ġie elevat mill-pulizija minn fuq il-persuna ta' Jason Agius. Hawnhekk id-difiża tqies ukoll illi l-uffiċjali tal-pulizija li kienu qed jinvestigaw dan il-każ kienu inkonsistenti bejniethom dwar jekk minn fuq il-persuna ta' Jason Agius kenux elevati żewġ telefowns ċellulari jew wieħed li s-suspettat rema' fl-art hekk kif lemaħ il-pulizija, u l-għamla tal-imsemmija ċellulari. Jikkontendi li din l-inkonsistenza tinsab fix-xiehda ta' PC1440 Sergio Spiteri u PS 579 Antoine Micallef.

iii. L-informazzjoni li kellha il-pulizija dwar l-iskambju ta' droga li kellu jsir u min kienet il-persuna involuta. Fil-fehma tad-difiża ix-xiehda ta' PC1440 Sergio Zammit u PC1564 Kyle Zammit kienet konfliġġenti f'dan l-aspett u dan meta l-ewwel wieħed isostni illi l-informazzjoni kienet dwar Jason Agius, u l-ieħor jikkontendi illi din kienet tikkonċerna lill-appellant.

iv. Ma kien hemm ebda prova in atti li tindika illi l-post fejn kienet interċettata id-droga kien f'distanza ta' mitt metru minn skola, klabb jew post ieħor fejn abitwalment jiltaqgħu ż-żagħżagħ.

**46**. Illi qabel ma tinoltra ruħha f'eżami dwar dan l-aggravju, tajjeb li jkun iddelinjat dak li rriżulta mill-atti processwali fil-kors tal-guri:

- Illi huwa indubitat illi l-investigazzjoni tal-pulizija ġiet imnehdija wara informazzjoni kunfidenzjali miksuba minnha dwar allegat skambju ta' droga. Din l-informazzjoni tindika lill-investigaturi il-persuna li kienet involuta bħala ċertu Jason Agius magħruf bħala il-Webbes, il-post fejn kellu jsir dan l-iskambju u l-vettura li kienet ukoll ser tintuża f'din l-allegata konġura kriminali. Din l-informazzjoni sussegwentement tirriżulta li kienet waħda preċiza għalkemm il-pulizija qatt ma tindika minn fejn wasslet din l-intelliġenza. It-tim tal-pulizija mill-Iskwadra ta' kontra d-Droga mmexxi mill-Ispettur Nicolai Sant kien magħmul minn PS579 Antoine Micallef, PS364 David Borg, PC10 Trevor Cassar Mallia, PC1440 Sergio Spiteri, WPC284 Therese Vella u PC1564 Kyle Zammit.
- Illi huwa indubitat ukoll u lanqas ikkontestat mill-appellant illi f'dik il-lejla huwa kien qed jagħmel użu mill-vettura ta' lewn abjad tal-għamla *Suzuki* bin-numru ta' reġistrazzjoni FDK 293. Ma kienx hemm persuni oħra miegħu.
- Illi huwa indubitat illi din il-vettura waqqfet proprju viċin il-post fejn kien jinsab Jason Agius, magħruf bħala il-Webbes, ħdejn is-*Snooker Hall* fil-Ħamrun. Jason Agius huwa iz-ziju tal-appellant.
- Illi huwa indubitat ukoll illi l-appellant ġie imwaqqaf mill-pulizija barra il-vettura viċin il-bieba tal-passiġġier u dan għalkemm uħud mill-uffiċjali tal-pulizija jixhdu illi huwa kien bil-wieqfa barra ħdejn il-bieba, filwaqt li PC10 u WPS284 igħidu li l-ewwel darba li lemħu lill-appellant dan kien nofsu 'il barra u nofsu 'il ġewwa minn din il-bieba. Persuni oħra fil-viċinanzi tal-appellant ma kienx hemm.
- Illi huwa fatt inkontestat illi fil-*glove compartment* tal-vettura kien hemm madwar kilo raża tal-*cannabis* u fil-bieba tal-passiggier madwar għaxar grammi kokajina li kienet maħżuna fi sitt boroż żgħar separati. Id-difiża tikkontendi illi hemm inkonsistenza fil-provi dwar jekk il-bieba tal-*glove compartment* kenitx miftuħa meta wasslu l-pulizija jew jekk din infetħietx mill-pulizija stess.
- Fil-vettura ukoll ħdejn ix-xufier jinsabu madwar tlett mitt ewro u ukoll fl-*ashtray* kien hemm borża kokajina li kienet miftuħa.

- Fil-*glove compartment* taħt il-pakketti tal-*cannabis* jinsab passaport ta' ċertu Tomislav Hegedus li miegħu l-appellant kien jirrisjedi f' dak iż-żmien. Dan il-passaport madanakollu qatt ma kien eżebit in atti. Jirriżulta illi dan ġie eżebit fil-proċeduri kriminali pendenti kontra Hegedus, liema proċeduri ma humiex konnessi ma' dan il-każ.
- Il-vettura li kien qed jagħmel użu minnha l-appellant f'dik il-lejla kienet mikrija lil ċertu Carmen Parnis, illum mejta, mis-soċjeta *Autorentals*. Din Parnis hija n-nanna ta' Hegedus.
- Il-vettura jagħmlu użu minnha nies oħra mhux biss l-appellant, għalkemm id-difiża ma tressaq ebda prova dwar min huma dawn in-nies.
- Fil-vettura ukoll tinstab karta b'kitba kontenenti lista bl-ismijiet ta' nies u cifri ħdejn dawn l-ismijiet. Din ukoll qatt ma tiġi eżebita in atti mill-Prosekuzzjoni.
- Tomislav Hegedus għandu tlett kawzi pendenti kontra tiegħu fil-qorti relatati ma' traffikar ta' droga, iżda l-ebda waħda ma hija konnessa ma' dawn il-proċeduri.
- Il-pulizija jelevaw xi *mobile phones* minn fuq il-persuna ta' Jason Agius u ukoll minn għand l-appellant. Id-difiża tikkontendi illi hemm inkonsistenza fix-xiehda tal-pulizija dwar in-numru ta' ċellulari elevati u l-għamla tagħhom.
- Minn fuq il-borza li tikkontjeni il-pakketti tar-raża tal-*cannabis* jiġi elevat impronti diġitali li għalkemm tajjeb ai fini ta' komparazzjoni, madanakollu ma jappartjenix lill-appellant.

**47.** Illi eżaminati l-atti u x-xhieda, din il-Qorti allura trid tara jekk il-ġurati setgħux legalment u raġjonevolment jaslu sabiex jistabbilixxu il-ħtija fl-appellant kemm mill-provi diretti kif ukoll dawk ċirkostanzjali, u dan anke fid-dawl ta' dak li d-difiża telenka bħala nuqqasijiet lil seħħew fl-investigazzjoni tal-pulizija.

**48**. Illi jibda biex jingħad illi l-appellant kien misjub ħati mill-ġurija tar-reat tal-pussess aggravat ta' droga. Illi sabiex ikun hemm ħtija għal dan ir-reat il-ġudikabbli irid jinqabad fil-pussess ta' kwantita' ta' droga f'ammont li huwa indikattiv li dan ma huwiex għall-użu personali tiegħu. Dan il-pussess, ai fini ta' reita' jrid ikun wiehed jew materjali jew kostruttiv. Issa sabiex tirriżulta kundanna għar-reat tal-pussess

aggravat ta′ droga, u dan meta jkun hemm il-pussess kostruttiv, iżda mhux dak materjali, il-Prosekuzzjoni trid neċessarjament tipprova, u dan lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, zewg fatturi:

i. Illi l-persuna akkużata kellha x-xjenza dwar l-esistenza tad-droga.
ii. Illi l-persuna akkużata setgħet teżerċita il-kontroll fuq dik id-droga.

Imbagħad meta jkun hemm persuna jew persuni ohra li jkunu, jew setgħu kienu fil-viċinanzi ta′ dik id-droga, allura l-Prosekuzzjoni trid tressaq provi li jindikaw illi kien l-akkużat biss li seta` jiddisponi minn dik id-droga u jeżerċita kontroll fuqha.

**49.** Illi l-artikolu 26 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta′ Malta jiddisponi hekk:

> **26.(1) F′kull proċediment kontra persuna għal reat kontra din l-Ordinanza, ma jkunx jinħtieġ li ssir il-prova tan-nuqqas ta′liċenza, awtorizzazzjoni jew materja oħra ta′ eċċezzjoni jew difiża,u <u>l-obbligu li jipprova</u> li hemm din il-liċenza, awtorizzazzjoni jew <u>materja ta′ eċċezzjoni jew difiża jmiss lill-persuna li tkun trid tinqeda biha</u>.** (sottolinjar tal-Qorti)
> **(2) Meta r-reat li bih persuna tkun akkużata ikun dak ta′pussess ta′, jew bejgħ jew traffikar ta′, mediċina kontra d-dispożizzjonijiet ta′ din l-Ordinanza l-akkużat ma jkunx jista′ jiddefendi ruħu kontra dik l-akkuża billi jipprova illi huwa ħaseb li kellu fil-pussess tiegħu, jew li kien qed ibiegħ jew jittrafika, xi ħaġa li ma kenitx il-mediċina msemmija fl-akkuża jekk il-pussess ta′, jew il-bejgħ jew traffikar ta′, dik il-ħaġa oħra kien ikun, fiċ-ċirkostanzi, bi ksur ta′ xi dispożizzjoni ta′ din l-Ordinanza jew ta′xi liġi oħra.**

**50.** Illi dwar l-element formali ġie deċiż:

> **"Il-ligi taghna, kemm ghal dak li jirrigwarda l-pussess kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-importazzjoni ta' droga, ma tuzax il-kelma "xjentement"; fi kliem iehor il-ligi titkellem dwar min "ikollu fil-pussess tieghu" (artikolu 8(a)(c), kap 101), ikun fil-pussess" (regola 8, A.L.292/1939), "jimporta (artikolu 15A (1), Kap. 101) u mhux dwar min "xjentement ikollu fil-pussess tieghu", "xjentement ikun fil-pussess" jew "xjentement jimporta". Ghalkemm il-legislatur f'dawn id-dispozizzjonijiet ma juzax il-kelma "xjentement", hu evidenti li hawn si tratta ta' reati doluzi u mhux sempliciment ta' reati kolpuzi. Il-legislatur ma riedx jikkolpixxi lil min, per ezempju, ad insaputa tieghu jitqieghdu xi droga fil-bagalja tieghu u dan jibqa' diehel biha f'Malta. Mill-banda l-ohra, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 26 (1) tal-Kap. 101, persuna li tkun fil-pussess ta' droga jew li tkun dahhlet droga f'Malta hi presunta li kienet fil-pussess jew dahhlita xjentement, jigifieri li kienet taf bl-ezistenza ta' dak l-oggett, li dak l-oggett hu droga, u ghalhekk li kienet taf li kienet fil-**

**pussess jew li kienet qed iddahhal id-droga, <u>salv prova (imqar fuq bazi ta' probabilita') kuntrarja</u>, u salv il-limitazzjoni ghal tali prova skond l-artikolu 26(2).**[7]" (sottolinjar tal-Qorti)

**51**. Illi fid-dawl ta' l-elementi ta' dritt u ta'l-insenjament ġurisprudenzjali dwar ir-reat tal-pussess aggravat ta' droga, għandu jfisser illi l-appellant kien tenut, imqar sal-grad tal-probabbli, jipprova illi huwa ma kellux ix-xjenza meħtieġa fil-liġi, u li allura hu ma kienx jaf illi fil-vettura u specifikatament fil-*glove compartment* u fil-bieba in-naħa tal-passiġġier kien hemm id-droga, livell ta' prova li fil-fehma tal-Qorti huwa naqas milli jilħaq. Dan għaliex f'dan il-każ mill-atti probatorji tissussisti l-presunzjoni li l-appellant kien jaf ben tajjeb illi fil-vettura li kien qed isuq u li allura kienet taħt il-kontroll tiegħu kien hemm kwantita' ta' droga. Illi fl-edizzjoni ta' l-2001 ta' Archbold jinghad hekk dwar 'il-presunzjonijiet ta' *fatt* :

> **'A presumption arises where from the proof of some fact the existence of another fact may naturally be inferred without further proof from the mere probability of its having occurred. The fact thus inferred to have occurred is said to be presumed, i.e. is taken for granted until the contrary is proved by the opposite party…And it is presumed the more readily in proportion to the difficulty of proving the fact by positive evidence, and to the facility of disproving it or of proving facts inconsistent with it, if it really never occurred.'**

**52**. Illi mhux ikkontestat mid-difiża illi kien l-appellant li fil-jum indikat fl-akkuża, meta kien interċettat mill-pulizija, kien qed jagħmel użu mill-vettura *Suzuki,* għalkemm jikkontendi li din il-vettura ġieli jagħmlu użu minnha nies oħra. Ma jindikax, iżda, min jagħmel użu minnha u jekk kienx hemm xi persuna jew persuni li kienu qed jagħmlu użu minnha fil-ħin li ppreċeda l-użu minnu magħmul tal-istess. Illi huwa għal kollox inverosimili illi xi persuna jħalli għal ħin twil ammont konsiderevoli ta' droga u ammont ta' flus f'vettura, f'post li jista' jkun faċilment viżibbli u dan meta huwa konxju tal-fatt illi l-vettura tbiddel l-idejn spiss, kif donnu

[7] Il-Pulizija vs Marzouki Beya Bent Abdellatif App.Inf. 16/02/1998

allegat mid-difiża. Illi ma hemmx dubbju illi l-appellant kien ser jiltaqa' ma' zijuh Jason Agius f'dik il-lejla meta fil-vettura tiegħu kien hemm ammont konsiderevoli ta' droga. Huwa indubitat ukoll illi meta huwa ħareġ mill-vettura, erħilha lejn in-naħa tal-passiġġier u ċioe' proprju fuq l-istess naħa fejn kien hemm id-droga. Illi minn dawn il-fatti tal-kaz jinħolqu inferenzi li jistgħu jwasslu għar-reita'.

**53**. Issa immaterjalment jekk l-appellant kienx interċettat nofsu 'il barra jew nofsu 'il ġewwa mill-vettura, jew jekk kienx sempliċement bil-wieqfa ħdejn il-bieba tal-passiġġier, jibqa' il-fatt illi huwa kien fil-pussess ta' din id-droga fil-ħin li ppreċeda l-arrest tiegħu mingħajr ma jagħti kont ta' dan il-pussess u dan sal-grad tal-probabbli. Dan għaliex ma jindika ebda persuna jew persuni oħra li setgħu kellhom il-kontroll fuq din il-vettura fil-ħin li ippreċeda l-użu minnu magħmul ta'l-istess. Mhux biss iżda fil-vettura u preċiżament fl-*ashtray,* fil-viċinanzi tas-sewwieq, kien hemm ammont ta' flus u borża droga kokajina, simili għal dawk li kienu misjuba fil-bieba, liema borża kienet miftuħa biex b'hekk il-Qorti tifhem illi l-appellant kien konxju tal-fatt illi droga fil-vettura kien hemm u xortawaħda għamel użu minnha.

**54**. Illi huwa minnu kif tikkontendi d-difiża illi l-investigazzjoni tal-pulizija ma kenitx waħda li saret bir-reqqa kollha u li kien hemm provi li setgħu inġiebu li ma tressqux, bħal per eżempju ma ġewx elevati marki tas-swaba minn fuq il-*glove compartment* jew il-*pocket* fil-bieba fejn ġiet misjuba il-kokajina, ma gietx eżebieta karta li nstabet fil-vettura b'lista ta' ismijiet ta' nies u ċifri li allura setgħet kienet indikattiva ta traffikar ta' droga, ma tressqitx il-prova dwar fuq min kienet mikrija il-vettura u ma min kien igħix l-appellant, li mill-provi mressqa mid-difiża jirriżulta huwa persuna mixlija b'diversi kawżi dwar traffikar ta' droga. Dawn in-nuqqasijiet madankollu, kuntrarjament għal dak li issostni d-difiża, ma jistgħux ixejjnu il-provi li hemm fl-atti li fil-maġġior parti tagħhom lanqas ma huma kontestati.

**55**. Illi huwa minnu li l-artikolu 638(1) tal-Kodici Kriminali jipprovdi li:

> **"Bhala regola, ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti, u li ma jithalla barra l-ebda xhud li x-xhieda tieghu tkun importanti",**

Din r-regola madanakollu tapplika bl-istess qies ghall-Prosekuzzjoni kif ukoll ghad Difiza, b'dan għalhekk illi għalkemm il-persuna akkużata għandha id-dritt għas-silenzju u ma hija obbligata tipprova xejn, madanakollu jekk tagħzel li trid tagħmel xi prova, allura fil-konfront tagħha għandhom japplikaw dawk ir-regoli kollha li għandhom x'jaqsmu mal-apprezzament tal-provi. L-akkużat allura għandu jipprova dak allegat minnu sal-grad tal-probabbli u jekk dan il-grad tal-prova ma jilħqux allura jkun qed ixejjen dak minnu allegat. Illi allura meta l-appellant jikkontendi illi l-vettura li kien qed isuq kienu jagħmlu użu minnha diversi nies u li huwa kien igħix ma' Tomislav Hegedus, persuna li huwa mixli li nvolut fit-traffikar ta' droga, ma humiex provi li jwasslu sal-grad tal-probabbilita' illi huwa kien injar mid-droga li kien hemm fil-vettura li kien qed jagħmel użu minnha, anzi huma indikattivi illi huwa kien midħla sew ta' persuna involuta fit-traffikar tad-droga tant illi kien igħix magħha. Fil-fatt fil-vettura qrib tiegħu kien hemm pakkett droga kokajina miftuħa.

**56**. Illi l-Qorti eżaminat ukoll bir-reqqa ix-xiehda tal-uffiċjali tal-pulizija involuti f'din l-investigazzjoni u dan bil-għan illi tiddetermina jekk, kif tikkontendi id-difiża kienx hemm inkonsistenzi jew konfliġġenzi li jistgħu jwasslu sabiex jinħoloq id-dubbju dettat mir-raġuni dwar ir-reita' tal-appellant, u tistqarr illi ebda diskrepanza f'dawn id-deposizzjonijiet ma twassal għal dan id-dubbju. Fuq kollox il-fatt illi x-xhieda josservaw dettalji differenti fuq ix-xena tar-reat ma jfissirx neċessarjament li hemm dik il-konfliġġenza li xxejjen il-kredibbilta' ta'l-istess. Illi din ix-xiehda ġiet eżaminata fid-dawl tal-aggravji imqanqla mid-difiża b'mod ewlieni dwar fatt li fil-fehma tal-Qorti huwa determinanti u ċioe' jekk il-*glove compartment* fejn kienet id-droga kienx miftuħ meta l-appellant ġie imwaqqaf mill-pulizija jew jekk dan infetaħx mill-pulizija stess. Dan għaliex id-difiża tinsisti illi dan il-kompartament fil-vettura kien magħluq u li nfetaħ mill-pulizija biex b'hekk l-appellant qatt ma seta' nduna li fil-vettura kien hemm id-droga, kif lanqas seta' jinduna illi fil-bieba in-naħa tal-passiġġier kien hemm il-boroz tal-kokajina billi l-kontenut ta' dan il-*pocket* fil-bieba ma kienx viżibbli minn naħa tax-xufier. Illi mix-xiehda ta'l-uffiċjali tal-pulizija jemerġi is-segwenti:

- PS579 Antoine Micallef u PC10 Trevor Cassar Mallia kienu flimkien fl-istess vettura f'din l-operazzjoni filwaqt li fil-vettura l-oħra kien hemm l-uffiċjali l-oħra. Dawn il-vetturi kienu weqfin faccata tar-*Regina Autodealers* u dan meta intlemħet il-vettura *Suzuki.* Din il-vettura għamlet *U turn* u ipparkjat proprju vicin is-*Snooker Hall.* Il-vetturi tal-pulizija sakkru din il-vettura b'dik ta' PS579 u PC10 isakkruha minn naha ta' quddiem u l-oħra mmexxija taħt id-direzzjoni tas-Surġent David Borg minn wara. Issa kull uffiċjal tal-pulizija mill-posizzjoni li kien fil-vetturi rispettivi, min bil-qiegħda fuq quddiem u minn fuq wara u bil-mod kif il-vetturi waqqfu, waħda quddiem u l-oħra wara s-*Suzuki*, setgħu josservaw f'dak il-ħin fatti differenti. PS 579 igħid li lemaħ lil appellant fuq in-naha tal-bieba tax-xufier idur mal-vettura lejn il-bieba tal-passiġġier. Iżda dan kif niżel mill-vettura mal-ewwel mar iwaqqaf il Jason Agius li kien ftit 'il boghod. Għalhekk ma baqax josserva lill-appellant u lanqas innota mal-ewwel x'kien hemm fil-vettura. Igħid li osserva *mobile phone* tal-għamla Nokia mal-art, iżda jgħid li ħadd mis-suspettati ma ħa responabbilta' tiegħu. Jiftakar li Jason Agius kellu il-flus fuqu u dan minn tfittxija li hu u PC1440 għamlu fuq l-imsemmi Jason Agius. Igħid illi x-xogħol inqasam billi is-surġent David Borg u PC10 mexxew l-investigazzjoni fuq ċertu Jason Smith li kien jinsab ħdejn Jason Agius, filwaqt li WPS284 u PC1564 waqqfu lill-appellant. Isostni illil dawn iż-żewġ uffiċjali tal-pulizija mal-ewwel indikaw illi fil-*pocket* kien hemm xi droga suspettata *cannabis*. L-ewwel darba li dan ix-xhud ra dan il-*glove compartment* igħid li dan kien miftuħ. Ma jidhirx illi l-uffiċjali tal-pulizija dak il-ħin messew xi oġġett li kien hemm fil-vettura u igħid li s-surġent Therese Vella rikkbet fil-vettura *Suzuki* fis-sedil tax-xufier u wara rikbu l-appellant flimkien mal-kuntistabbli Zammit u niżżlu lejn id-Depot tal-pulizija sabiex jitkomplew l-investigazzjonijiet. Il-579 igħid li hu niżel fil-vettura tal-pulizija ma PC10 u akkompanjaw lil Jason Smith lejn id-Depot, filwaqt li is-surgent David Borg rikeb fil-vettura l-oħra u akkompanja lil Jason Agius. Jinsisti illi il-*glove compartme*nt sabu miftuħ kif jidher fir-ritratt tal-forensika. (fol54) Igħid hekk "*Meta ghajtuli kienet fil-pocket, kien miftuħ, kif rajtu jien miftuh.*"(fol53).
- PC1564 Kyle Zammit jikkonferma dawn il-fatti meta igħid li hu kien qiegħed ma' PS364, WPC284 u PC1440 fil-vettura tal-pulizija u waqt l-osservazzjoni kien bil-

qiegħda fuq is-sedil ta' wara n-naħa tax-xufier. Jikkontendi li l-ewwel darba li lemaħ lill-appellant dan kien qiegħed ħdejn il-vettura *Suzuki* in-naħa tal-passiggier. Igħid ukoll li l-*glove compartment* kien miftuħ għax innutaha mal-ewwel kif ittawwal fil-vettura. "*Il-glove compartment kien miftuh ghax setghet tigi nnutata mill-ewwel*" (b'referenza ghad-droga). Issa għalkemm ix-xhud jikkontendi illi huwa ħa ritratt mal-ewwel ta' din id-droga liema ritratt huwa eżebit bħala Dok KZ3, id-difiża targumenta illi dan ma itteħidtx fuq il-post iżda aktar tard ġewwa id-depot billi fir-ritratti l-oħra meħuda mill-istess xhud u eżebiti in atti jidher il-madum tal-art tal-garaxx. Issa għalkemm huwa minnu illi hemm dubbju dwar il-mument meta seta' ittieħed dan ir-ritratt, madanakollu minn daqqa t'għajn lejn l-istess ma jidhrux l-ambjenti fejn dan seta' ittieħed u l-bieba tal-vettura hija magħluqa. Ix-xhud jibqa isostni illi meta waqqaf lill-appellant fil-Ħamrun "*just kemm tajt titwila ... ghalhekk ma ntmess xejn ...*" (fol76). Jinsisti illi r-ritratti ħadhom id-depot hlief tal-*glove compartment* li igħid li ħadu fuq il-post mal-ewwel. In kontro-eżami jibqa' jinsisti illi il-*glove compartment* hu dejjem miftuħ rah. U igħid li t-tfittxija fuq il-post għamilha biss fuq il-persuna ta' l-appellant, iżda mill-vettura ma mess xejn.

- PS302 Bryan Alken, li kien wieħed mill-uffiċjali tax-xena tar-reat u li kien qiegħed fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija meta il-vettura wasslet hemmhekk għal aktar stħarriġ, jixhed: "Sinjura, dik il-*glove compartment* ma missejtha fl-ebda hin."
- PS364 David Borg jikkonferma li fil-vettura waqt l-osservazzjoni kienu miegħu WPC284 u PS1564. Jikkonferma illi kif waqqfu lis-suspettati, dawn l-aħħar żewġ uffiċjali marru fuq l-appellant u l-vettura. Hu waqqaf lill Jason Smith u waqt it-tfittxija fuq din il-persuna ġew elevati €940. Jikkonferma wkoll illi PS579 u PC1440 waqqfu u għamlu tfittxija fuq Jason Agius. Igħid li minn fuq dan Jason Agius ġie elevat ċellulari tal-għamla *Samsung,* flus u ċwievet. Igħid iżda illi huwa ma għamel ebda tfittxija fuq il-vettura u lanqas resaq lejha u għalhekk ma kienx f'posizzjoni igħid x'kien hemm fiha f'dak il-ħin.
- PC1440 Sergio Spiteri jikkonferma kif kienu mqassmin l-uffiċjali fil-vetturi rispettivi. Hu intercetta lil Jason Agius meta igħid li osserva f'dan il-ħin ċellulari jaqa' fl-art li ingabar. Jikkonferma illi eleva xi flus u ċwievet minn fuq il-persuna

ta' Jason Agius, iżda ma setax igħid kemm kien l-ammont billi ma għaddewhomx dak il-ħin quddiem is-suspettat billi dan ma riedx iħares lejhom u allura issiġġillawhom u għaddewhom lill-Ispettur.

- WPS284 Therese Vella tikkonferma illi kien marru jagħmlu osservazzjoni il-Ħamrun wara li kienet daħħlet informazzjoni konfidenzjali dwar skambju ta' droga. Tikkonferma illi kienet hi flimkien mal-kuntistabbli Zammit li waqqfu lill-appellant quddiem l-*Isnooker Hall*. Tosserva l-ewwel darba lill-appellant ħdejn il-bieba tal-passiġġier nofsu 'il barra u nofsu 'il ġewwa mill-bieba, u tikkonferma li meta dan twaqqaf saret tfittxija fuq il-persuna tiegħu u kif ittawwlet fil-vettura osservat li kien hemm id-droga konsistenti f'pakketti tar-raza tal-*cannabis*. Tgħid li ma ntmess xejn mill-vettura u flimkien ma' Zammit akkompanjat lill-appellant id-Depot. Tikkonferma illi it-tfittxija ġewwa il-vettura saret fid-Depot fejn hemmhekk kien osservat illi l-pakketti tal-*cannabis* kienu imgezwrin f'*poster* u ssiġġilati bl-*istretch and seal*. Taħt id-droga tikkonferma li nstab passaport ta' persuna oħra bl-isem ta' Tomislav Hegedus. Tikkonferma is-sejba tad-droga kokajina fil-bieba tal-passiġġier, flus u pakkett kokajina miftuħa fl-*ashtray* ħdejn ix-xufier u karta bl-ismijiet ta' xi persuni u xi numri mal-bieba in-naħa tax-xufier. Din ix-xhud tinsisti ukoll illi l-ewwel darba li ittawwlet fil-vettura osservat illi l-*glove compartment* kienet miftuħa. Tgħid hekk: "*Il-glove compartment kien b'tali mod li inti tarah. I mean ma missejt xejn biex jigifieri jiena kkonfermajt li din il-bicca xoghol kienet positive, jigifieri sibna id-droga, ma kellix bzonn immiss xejn jiena, ghax il-bieba kienet miftuha diga, jigifieri ma kellix bzonn noqghod niftah il-bieba u l-glove compartment kien miftuh li d-droga kienet tidher hemmhekk.*" Konfrontata mid-difiża dwar ir-raġuni 'il għala meta xehdet fil-kumpilazzjoni ma kenitx semmiet dawn id-dettalji, tibqa' tinsisti illi fl-ewwel mument li lemħet lill-appellant huwa kien jinstab nofsu 'il barra u nofsu 'il ġewwa mill-bieba tal-passiġġier u li l-*glove compartment* kien miftuħ u li mill-pulizija ma ntmessitx.
- PC10 Trevor Cassar Mallia jikkorrobora din il-verzjoni tal-fatti ta' WPS284 meta jixhed illi l-ewwel darba li lemaħ lill-appellant dan kien ħdejn il-bieba tal-passiġġier li kienet miftuħa u hu kien nofsu 'il ġewwa u nofsu 'il barra minn din il-bieba baxxut lejn il-*glove compartment*. Il-vettura misjuqa minn PC10 kienet l-

ewwel waħda li wasslet fuq il-post. Warajha kien hemm dik misjuqa mis-Surgent Borg. Dan il-kuntistabbli iżda kien inkarigat mill-investigazzjoni fuq il-persuna ta' Jason Smith u allura kif niżel mill-vettura tal-pulizija erħilha għal fuq Smith u ma osservax dak li kien hemm fil-vettura.

**57.** Illi eżaminati dawn il-fatti probatorji l-Qorti tistqarr illi ma tista' tara ebda inkonsistenza jew konfliġġenza fix-xiehda ta' dawn l-uffiċjali tal-pulizija li tista' teradika xi dubbju f'moħħ min hu imsejjaħ biex jiġġudika. Dan għaliex dawn il-pulizija huma kollha konkordi fil-fatt illi meta wasslu ħdejn il-vettura il-*glove compartment* kien miftuħ tant illi d-droga kienet viżibbli. PC10 u PS284, mill-viżwali li kellhom ta' dak li kien qed jiżvolġi quddiemhom, imbagħad, setgħu josservaw lill-appellant bil-wieqfa ħdejn il-bieba tal-passiġġier b'nofsu ġewwa l-vettura. L-oħrajn kollha jikkonferma illi l-appellant kien bil-wieqfa hdejn il-bieba tal-passiġġier u allura fuq dik in-naħa tal-vettura fejn kienet tinstab id-droga. Kollha jikkorroboraw lil xulxin fir-rigward tar-rwol li kull wieħed minnhom kellu f'din l-investigazzjoni. Huwa ikkonfermat mill-evidenza ukoll illi ġew elevati oġġetti oħra mill-vettura bħal passaport ta' Hegedus u xi karta b'xi ismijiet u cifri li madanakollu ma ġewx mill-Prosekuzzjoni eżebiti in atti, iżda jikkonfermaw illi l-oġġetti kollha minnhom elevati ġew mgħoddija lill-Ispettur Nicolai Sant. Għajr ghal-kuntistabbli Zammit kollha jikkonfermaw illi l-informazzjoni kunfidenzjali li kellhom kienet tikkonċerna il-persuna ta' Jason Agius u mhux l-appellant. Illi għal Qorti dan ifisser illi l-ġurati setgħu legalment u raġjonevolment jasslu biex jikkonkludu minn din l-evidenza li l-appellant kien konxju tal-presenza tad-droga fil-vettura, kemm tal-pakketti tal-*cannabis* kif ukoll tal-boroż tal-kokajina tant illi kien interċettat mill-pulizija proprju fil-viċinanzi immedjata ta' din id-droga. Mhux biss iżda il-Qorti lanqas ma għandha raġuni tiddubita illi l-bieba tal-*glove compartment* kienet miftuħa meta l-pulizija waqqfu lill-appellant u li din fl-ebda mument ma ntmesset qabel ma komplew l-investigazzjonijiet fid-depot. L-ebda uffiċjal tal-pulizija ma igħid li kien hu li fetaħ din il-bieba u l-Qorti, kuntrarjament għal dak li tikkontendi id-difiża, ma tqiesx illi hemm xi mottiv li jista' iwassalha tiddubita mix-xogħol li sar minn dawn l-uffiċjal waqt l-investigazzjonijiet. Illi ukoll għalkemm huwa minnu li l-Prosekuzzjoni naqqset milli teżebixxi xi evidenza li kienet elevata mill-vettura bħal passaport ta' Hegedus, kif

ukoll il-karta biċ-ċifri u l-ismijiet ta' xi persuni li kien hemm fil-bieba tal-passiġġier ma jwassalx biex ixejjen il-provi l-oħra, iktar u iktar meta l-appellant jinsab mixli bir-reat tal-pussess aggravat tad-droga u mhux bir-reat ta' traffikar fejn allura din l-evidenza kienet tkun waħda determinanti. Ġie stabbilit illi l-appellant kellu kontroll fuq il-vettura fil-ħin li ippreċeda l-arrest tiegħu, ġie ippruvat illi l-appellant kien fil-viċinanzi tad-droga ftit ħin qabel twaqqaf mill-pulizija tant illi tnejn minnhom jarawh proprju nofsu ġewwa il-vettura in-naħa tal-passiġġier f'liema naħa tal-vettura kien hemm mhux biss ir-raża tal-*cannabis*, iżda ukoll il-boroż tal-kokajina. Huwa ppruvat ukoll illi l-*glove compartment* kien miftuħ u d-droga *cannabis* kienet viżibbli. Jirriżulta ukoll illi fl-*ashtray* ħdejn ix-xufier kien hemm ammont ta' flus u borża droga kokajina miftuħa. Dawn il-provi skjaċċanti ma jistgħux jitmewtu bl-argumenti imqanqla mid-difiża u ċioe' illi ma kienx hemm il-marki tas-swaba tal-appellant fuq id-droga, jew in-nuqqas mill-Prosekuzzjoni li teżebixxi l-oġġetti l-oħra elevati mill-vettura, lanqas ma jistgħu dawn in-nuqqasjiet ipoġġu f'dubbju ix-xiehda tal-uffiċjali tal-pulizija involuti f'din l-investigazzjoni li jikkorroboraw lil xulxin fuq il-fatti determinati f'dan il-każ. Fuq kollox kien jispetta lill-appellant, imbagħad, li jipprova, u dan sal-grad tal-probabbli, illi huwa ma kellux ix-xjenza li fil-vettura li hu kellu taħt il-kontroll tiegħu kien hemm id-droga, prova li huwa ma jirnexxielux jilħaq.

**58**. Stabbiliti l-fatti probatorji, determinat illi l-appellant ma laħaqx il-grad tal-prova sabiex ixejjen il-presunzjoni tax-xjenza li kellu fil-pussess tiegħu d-droga, il-Qorti qegħda tiċħad dan l-aggravju tal-appellant u tqies illi bil-provi li nġiebu fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, kemm dawk diretti kif ukoll ċirkostanzjali, il-gurati setgħu legalment u raġjonevolment jasslu għal verdett ta' ħtija fir-rigward tar-reat tal-pussess aggravat tad-droga kif imfassal fl-Ewwel u it-Tieni Kapi ta'l-Att t'Akkuża.

**59.** Illi jifdal biex jkun determinat jekk l-appellant għandux raġun fl-ilment minnu ventilat rigward l-aggravanti li kien mixli bih marbut mar-reat tal-pussess aggravat ta' droga u ċioe' illi dan ġie kommess f'distanza ta' mitt metru jew anqas minn skola, *club* jew ċentru taż-żgħażagħ jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ, billi ebda prova in atti ma teżisti fir-rigward, u ċioe' li kien hemm xi stabbiliment fid-distanza li tispeċifika il-liġi u li jaqa' fid-definizzjoni imfassla fit-tieni *proviso* għall-

artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi minn eżami tal-atti huwa minnu dak li tikkontendi id-difiża illi ma hemm ebda prova bħal dik li solitament issir f'proċeduri simili bil-ħatra ta' espert li jistabbilixxi jekk fiċ-ċirkonferenza ta' mitt metru mill-post fejn kienet misjuba id-droga hemm xi wieħed mill-istabbilimenti li titkellem dwaru l-liġi. X'aktarx l-Prosekuzzjoni qed tistrieħ fuq il-fatt, kif jirriżulta *del resto* anke mill-indirizz li l-Imħallef tagħmel lil ġurati, illi l-147, *Snooker Hall* fi Triq Ħal Qormi, il-Ħamrun, li quddiemu twaqqfet il-vettura bid-droga, jaqa' fid-definizzjoni tal-liġi bħala post fejn solitament jiffrekwentaw iż-żgħażagħ. Illi ġie deċiż:

> **"Meta l-legislatur ipprovda li r-reat ikun aggravat (fis-sens li l-piena tizdied bi grad) jekk isir "fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta', skola, club jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh..." huwa kien qed jipprovdi ghal kriterju oggettiv u determinat biss mid-distanza proprju ghax il-postijiet imsemmija huma tali li lejhom jew qribhom tfal u zghazagh itendu li jiggravitaw indipendentement mill-hin tal-gurnata jew mill-jum tal-gimgha, u indipendentement minn jekk l-iskola, club, centru ecc. ikunx dak il-hin miftuh jew maghluq.[8]"**

**60**. Issa huwa indubitat illi ma hemm ebda prova in atti li tindika remotament illi l-*Isnooker Hall* jaqa' fid-definizzjoni ta' skola, *club*, jew ċentru taż-żgħażagħ, anzi il-Qorti tazzarda tgħid illi dan l-istabbiliment ma jistax jiġi ikklasifikat bħala tali. Illi il-Qorti lanqas ma tista' tasal għal konkluzjoni gratwita, kif lanqas setgħu jasslu għal din il-konklużjoni il-ġurati, illi dan il-fond huwa post fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ billi ma hemm ebda prova in atti dwar in-natura tan-negozju ta' dan l-istabbilment għajr għal dak li jixhed Jason Smith meta jgħid illi f'dan il-fond fejn x'aktarx hemm *bar*, jintlagħab il-logħob tal-i*snooker* jew *billiard*, u fih isiru xi kompetizzjonijiet ukoll ta' dan l-isport. Igħid li kien ilu jiffrekwenta dan il-post għal madwar għoxrin sena. Illi dawn il-fatti mhumiex suffiċjenti għall-finijiet ta' provi biex tirriżulta il-kwalifika tad-distanza li tirrendi ir-reat aktar gravi u dan għaliex il-Prosekuzzjoni kien jenħtiġielha tipprova b'mod speċifiku illi dan l-istabbiliment jaqa' fid-definizzjoni ta' postijiet "simili" (għal skola, club jew ċentru) fejn "normalment"

---

[8] App. Inf. "Il-Pulizija vs. Jason Xuereb" deċiza fid-9 ta' Ġunju 2009,

jiltaqgħu ż-żgħażagħ[9]. Il-ġurati għalhekk ma setgħux jikkonkludu illi dan il-fond huwa post fejn normalment jikkongregaw iż-żgħażagħ, ukoll għaliex mill-provi skarni li hemm fl-atti ma jirriżultax illi t-tip ta' negozju hemmhekk ġestit għandu xi somiljanza mal-ġestjoni ta' skola, *club* jew ċentru. Illi altrimenti b'dan ir-raġjonament kull post f'Malta u Għawdex jista' jaqa' taħt id-definizzjoni tal-liġi billi ma jidhirx illi hemm xi stabbiliment jew lok fejn iż-żgħażagħ huma miżmuma milli jiffrekwentaw. Illi l-għan tal-leġislatur kien illi jiġu mħarsa dawk il-postijiet li, fil-kwotidjanita' taghhom, huma ffrekwentati minn tfal u żgħażagħ, aktar milli minn nies adulti tant illi jindika b'mod speċifiku l-iskejjel, iċ-ċentri u il-klabbs iffrekwentati miż-żgħażagħ u postijiet simili. Kwindi nieqsa il-prova mill-Prosekuzzjoni, lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, illi l-istabbiliment *Snookers Hall* il-Hamrun huwa xi post fejn 'normalment' jiltaqgħu iż-żgħażagħ, l-aggravanti ċertament ma jistax jirriżulta ippruvat u l-Qorti qed tilqa' dan l-aggravju imqanqal mill-appellant u għalhekk ser tgħaddi biex tvarja il-piena inflitta fil-konfront tiegħu. Jingħad biss finalment illi fis-*sample verdict* mogħti lil ġurati, kif maqbul bejn il-partijiet, ma kienx lilhom indikat verdett alternattiv fejn dawn setgħu sabu ħtija bi jew mingħajr dan l-aggravanti.

## D. Il-piena

**61**. Fl-ahhar aggravju tieghu l-appellant jilmenta illi l-piena erogata mill-Qorti Kriminali ma tirriflettiex l-iżviluppi fil-liġi dwar is-suġġett in materja u ukoll il-piena ma kenitx tirrifletti l-fattispeċje partikolari tal-każ, iżda kienet tikkonsisti f'eżerċizzju matematiku in linja ma' sentenzi oħra li ingħataw konċernanti in-natura u l-ammont ta' droga involuta. Fuq kollox jisħaq illi dawn is-sentenzi li għamlet referenza għalihom il-Qorti Kriminali kollha ingħataw żmien qabel l-emendi li daħħlu fis-seħħ fil-liġi reċentement fejn il-pussess tad-droga *cannabis* issa hija legali f 'pajjżna.

**62**. Kien kostantement ritenut mill-qrati taghna:

> **"Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli**

[9] Ara sentenza App. Inf. Il-Pulizija vs Addie Magri deciza 12 ta' Jannar 2011

**taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti) li jkun jincidi b' mod partikolari fuq il-piena[10]."**

**63**. Illi qabel xejn għandu jingħad illi ser ikun hemm temperament fil-piena stante li l-appellant ser jiġi illiberat mill-aggravanti tad-distanza. Dan magħdud madanakollu l-Qorti ma tistax taqbel mal-fehma tal-appellant illi għaliex illum taħt ċirkostanzi ferm ristretti u bis-salvagwardji kollha li l-leġislatur fis-sapjenza tiegħu ħass li kellu jimponi dwar l-użu b'mod legali tal-*cannabis*, dan għandu jfisser illi kull persuna tista' tkun fil-pussess ta', jew tittraffika ammonti kbar ta' din id-droga illegalment u kontra d-disposizzjonijiet espressi tal-liġi, mingħajr ma tiffaċċja s-sanzjonijiet maħsuba għal min jikkometti din il-vjolazzjoni. Illi huwa ndubitat illi l-piena inflitta fuq appellant ta' seba' snin priġunerija u multa ta' €10,000 taqa' fil-parametri tal-liġi u anżi tqarreb lejn il-minimu[11], iktar u iktar meta tqies illi l-Qorti Kriminali awmentat il-piena bi grad sabiex tirrifletti il-verdett ta' ħtija fir-rigward tal-kwalifika tad-distanza. Il-Qorti għalhekk hija tal-fehma illi din ma għandiex tiġi varjata ħlief li, kif ingħad, irid ikun hemm temperament, bil-piena titnaqqas bi grad sabiex tirifletti il-liberazzjoni mill-aggravanti maħsub fit-tieni *proviso* għall-artikolu 22(2) tal-Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan ifisser illi l-piena ser tiġi imnaqqas għal dik ta' sitt snin priġunerija u għal multa ta' disat elef ewro.

<u>**Decide**</u>

**Għar-raġunijiet kollha premessi, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi:**

1. **Tiċħad l-ewwel talba imressaq mill-appellant fir-rikors tal-appell, b'dan madanakollu illi sabiex ikun issanat n-nuqqas li seħħ fl-*iter* processwali**

[10](Ara wkoll "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Bernard sive Benny Attard" [20.3.2009] App. Krim. Superjuri)".

[11] Il-parametri tal-piena huma dik tal-priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn erba' snin iżda mhux iżjed minn tletin sena u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67)

quddiem l-Qorti Kriminali, l-Qorti tiddikjara lill-appellant meħlus mill-akkuża miġjuba kontra tiegħu fit-Tielet Kap ta'l-Att ta'l-Akkuża, u tordna li ssir korrezzjoni fis-sentenza appellata fejn saret referenza għal verdett tal-ġurati bħala milħuq fil-jum li ingħatat s-sentenza appellata u minflok il-kliem "rat il-verdett tal-ġurati ta' llum", jiġu inseriti l-kliem "rat il-verdett tal-ġurati tal-11 ta' Diċembru 2021".

2. Tilqa' it-tieni talba parżjalment, tgħaddi għalhekk biex varja il-verdett milħuq mill-ġurati tal-11 ta' Diċembru 2021, billi filwaqt illi tikkonferma s-sejbien ta` htija għall-Ewwel u it-Tieni Kap ta'l-Att ta'l-Akkuża, u l-liberazzjoni għat-Tielet Kap ta'l-Att ta'l-Akkuża, tvarja l-imsemmi verdett billi tillibera lill-appellant mill-aggravanti tad-distanza fiż-żewġ kapi kif mixli fit-termini tat-tieni *proviso* għall-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.
3. Tiċħad it-tielet talba, iżda fid-dawl tal-fatt illi l-appellant qed jiġi illiberat mill-kwalifika tad-distanza għar-reati li dwarhom instab ħati fl-Ewwel u it-Tieni Kapi ta'l-Att ta'l-Akkuża, tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata fir-rigward tal-piena inflitta billi tirrevokaha fejn l-appellant kien ikkundannat ghal piena ta' seba' (7) snin prigunerija u multa ta' għaxart elef ewro, u minflok tikkundannah għal piena ta' sitt (6) snin prigunerija u multa ta' disat elef ewro (€9000).

Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti

Onor. Imħallef Edwina Grima

Onor. Imħallef Giovanni Grixti